2025/2480

16.12.2025

FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA WAĦDA, U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, MIN-NAĦA L-OĦRA, DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA FI PROGRAMMI TAL-UNJONI

L-UNJONI EWROPEA,

u

L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħin l-"Unjoni",

minn naħa waħda, u

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Iżvizzera",

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħin il-"Partijiet Kontraenti",

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID il-prijorità għolja li jagħtu lir-relazzjonijiet speċjali bejn l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-Iżvizzera, abbażi tal-prossimità, il-valuri kondiviżi u l-identità Ewropea tagħhom;

FILWAQT LI JIBNU FUQ l-għanijiet komuni u l-konnessjonijiet mill-qrib bejn il-Partijiet Kontraenti li jirriżultaw mill-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera fil-qasam tal-fużjoni termonukleari kkontrollata u l-fiżika tal-plażma, magħmul fi Brussell fl-14 ta' Settembru 1978, il-Ftehim Qafas għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Konfederazzjoni Żvizzera, magħmul fi Brussell u Bern fit-8 ta' Jannar 1986, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-sħubija tal-Iżvizzera fl-Intrapriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, magħmul fi Brussell fit-28 ta' Novembru 2007, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-Istabbiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-implimentazzjoni konġunta tal-Proġett ITER, il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u l-Ftehim bejn l-Euratom u l-Gvern tal-Ġappun għall-implimentazzjoni konġunta tal-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-qasam tar-riċerka tal-enerġija mill-fużjoni għat-territorju tal-Konfederazzjoni Żvizzera, magħmul fi Brussell fit-28 ta' Novembru 2007, u l-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Żvizzera mal-Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija, magħmul fi Brussell fil-5 ta' Diċembru 2014;

BILLI l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Euratom") ikkonkludiet il-Ftehim dwar l-Istabbiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER [1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ITER"), il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER [2] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dawr il-Privileġġi u l-Immuitarjiet ta' ITER"), u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka tal-Enerġija mill-Fużjoni [3] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Approċċ Usa'");

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi [4];

(1) ĠU UE L 358, 16.12.2006, p. 62, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2006/943(1)/oj.
(2) ĠU UE L 358, 16.12.2006, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2006/943(2)/oj.
(3) ĠU UE L 246, 21.9.2007, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2007/614/oj.
(4) ĠU UE L 90, 30.3.2007, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/198/oj.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU x-xewqa komuni tal-Partijiet Kontraenti li jkomplu jiżviluppaw, isaħħu, jistimulaw u jestendu r-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni tagħhom fl-attivitajiet relatati mal-ITER, abbażi tal-ugwaljanza, ir-reċiproċità u bilanċ ġenerali tal-benefiċċji, id-drittijiet u l-obbligi;

IQISU l-isforzi tal-Unjoni Ewropea sabiex tmexxi r-rispons billi tingħaqad mas-sħab internazzjonali tagħha sabiex tindirizza l-isfidi globali f'konformità mal-pjan ta' azzjoni għan-nies, għall-pjaneta u għall-prosperità tan-Nazzjonijiet Uniti intitolat "Nittrasformaw id-Dinja tagħna: l-Aġenda tal-2030 għal Żvilupp Sostenibbli";

FILWAQT LI JIXTIEQU li jiġi konkluż ftehim fit-tul dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi kwalunkwe programm tal-Unjoni u li jipprovdu l-bażi legali għal tali kooperazzjoni;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-objettiv kondiviż tal-Partijiet Kontraenti li jikkonsolidaw u japprofondixxu l-kooperazzjoni fit-tul u ta' suċċess tagħhom, b'mod partikolari fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ispazju, il-fużjoni u l-fissjoni nukleari, u l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, l-isport u l-kultura, kif ukoll oqsma oħra ta' interess komuni, bħat-trasformazzjoni diġitali u l-azzjoni fil-qasam tas-saħħa, li jippermetti l-parteċipazzjoni aktar sistematika tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni fil-futur;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm Orizzont Ewropa") u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025, li jikkomplementa l-Orizzont Ewropa ([6]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm Euratom");

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-objettivi taż-żona Ewropea tar-riċerka mġedda – jiġifieri li tinbena żona xjentifika u teknoloġika komuni, jinħoloq suq uniku għar-riċerka u l-innovazzjoni, titrawwem u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi l-universitajiet, u l-iskambju ta' prattika tajba u karrieri attraenti fir-riċerka, tiġi ffaċilitata l-mobbiltà transfruntiera u intersettorjali tar-riċerkaturi, jitrawwem il-moviment liberu tal-għarfien xjentifiku u l-innovazzjoni, jiġi promoss ir-rispett għal-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika, jiġu appoġġati l-edukazzjoni xjentifika u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni, u jiġu mħeġġa l-kompetittività u l-attraenza tal-ekonomiji parteċipanti – u li l-pajjiżi assoċjati mal-programmi qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni huma sħab potenzjali ewlenin f'dan l-isforz;

FILWAQT LI JENFASIZZAW ir-rwol tas-Sħubijiet Ewropej, li jindirizzaw xi whud mill-aktar sfidi urġenti tal-Ewropa permezz ta' inizjattivi miftiehma ta' riċerka u innovazzjoni li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni li jeħtieġu viżjoni kritika tal-massa u fit-tul, u l-importanza tal-involviment tal-pajjiżi assoċjati f'tali Sħubijiet Ewropej;

FILWAQT LI JFITTXU li jistabbilixxu kundizzjonijiet reċiprokament vantaġġużi sabiex joħolqu impjiegi deċenti, isaħħu u jappoġġaw l-ekosistemi tal-innovazzjoni tal-Partijiet Kontraenti billi jgħinu lill-kumpaniji jinnovaw u jespandu fis-swieq tal-Partijiet Kontraenti u jiffaċilitaw l-adozzjoni kif ukoll l-użu u l-aċċessibbiltà tal-innovazzjoni, inklużi attivitajiet ta' bini tal-kapaċità;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-parteċipazzjoni reċiproka fil-programmi ta' xulxin għandha tipprovdi benefiċċji reċiproċi, u li kull Parti Kontraenti tagħmel l-aħjar sforzi biex tiftaħ il-programmi tagħha lill-Parti Kontraenti l-oħra, filwaqt li tqis in-natura tagħhom u tirrikonoxxi li l-Partijiet Kontraenti jirriżervaw id-dritt tagħhom li jillimitaw jew li jistabbilixxu kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'dawk il-programmi, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' sigurtà, inkluż għal azzjonijiet relatati mal-assi jew l-interessi strateġiċi tagħhom;

FILWAQT LI JIRREFERU għall-possibbiltà ta' differenzi bejn l-orjentazzjonijiet tal-programmi tal-Unjoni u l-programmi u l-miżuri Żvizzeri;

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU UE L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament (Euratom) 2018/1563 (ĠU UE L 167, I, 12.5.2021, p. 81, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/765/oj).

BILLI l-objettivi ġenerali tal-Programm Euratom huma li jwettaq attivitajiet ta' riċerka u taħriġ nukleari, b'enfasi fuq it-titjib kontinwu tas-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari, kif ukoll li jikkomplementa l-kisba tal-objettivi tal-Programm Orizzont Ewropa, fost oħrajn, fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija, u li jrawwem l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni;

BILLI l-Ftehim ITER, skont l-Artikolu 21 tiegħu, japplika għall-Iżvizzera, li tipparteċipa fil-programm tal-Euratom bħala Stat terz assoċjat bis-sħiħ;

BILLI l-Euratom hija membru tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u, skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom, l-Iżvizzera se tkun membru ta' dik l-Impriża Konġunta bħala Stat terz wara li tassoċja l-programm ta' riċerka tagħha mal-programm tal-Euratom;

BILLI l-Ftehim ta' Approċċ Usa', skont l-Artikolu 26 tiegħu, japplika għall-Iżvizzera, li tipparteċipa fil-programm tal-Euratom bħala Stat terz assoċjat b'mod sħiħ;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-benefiċċji li ġġib magħha l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni Ewropea li huma miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi;

FILWAQT LI JENFASIZZAW l-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata, żviluppata u promossa d-diversità kulturali u lingwistika Ewropea u li jiżdiedu l-kompetittività u l-potenzjal ekonomiku tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari s-settur awdjoviżiv;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-objettivi u l-prinċipji ġenerali tal-programmi tal-Unjoni fis-setturi kulturali u awdjoviżivi huma essenzjali mil-lat kulturali, demokratiku, ambjentali, soċjali u ekonomiku u huma partikolarment rilevanti għas-soċjetajiet u s-setturi kulturali tagħna li qed jiffaċċjaw sfidi attwali marbuta mal-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima u d-diġitalizzazzjoni;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li dawk il-prinċipji, li huma riflessi wkoll fil-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (Unesco, United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization) tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, huma segwiti mill-Iżvizzera, li qed tiffaċċja sfidi simili u għandha l-istess prinċipji, bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn il-persuni kollha, il-bilanċ bejn il-ġeneri u l-libertà tal-espressjoni u l-libertà artistika;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali;

FILWAQT LI JENFASIZZAW li t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna toffri opportunitajiet enormi għat-tkabbir u l-impjiegi, tista' tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-kompetittività globali tagħna, u tista' ssaħħaħ id-diversità kreattiva u kulturali;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li tali żviluppi trasformattivi jirrikjedu ħidma mas-sħab internazzjonali tal-Unjoni fl-akbar trasparenza u abbażi ta' għanijiet u valuri komuni, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għall-interessi tas-sigurtà taż-żewġ Partijiet Kontraenti;

FILWAQT LI JFITTXU li jistabbilixxu kooperazzjoni vantaġġuża b'mod reċiproku sabiex isaħħu u jappoġġaw l-użu ta' kapaċitajiet diġitali affidabbli u siguri tal-Partijiet Kontraenti, bħal fil-computing ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali, il-cloud edge computing u l-ispazji tad-data, il-ħiliet diġitali avvanzati, u l-varar u l-aħjar użu tal-kapaċitajiet diġitali u l-interoperabbiltà, u li jiffaċilitaw l-adozzjoni kif ukoll l-użu u l-aċċessibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali mal-Partijiet Kontraenti;

FILWAQT LI JENFASIZZAW l-importanza li jiġi appoġġat, permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, l-iżvilupp edukattiv, professjonali u personali tal-persuni fl-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, fl-Ewropa u lil hinn minnha, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi ta' kwalità u l-koeżjoni soċjali, biex jixpruna l-innovazzjoni, u biex isaħħaħ l-identità Ewropea u ċ-ċittadinanza attiva;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-għanijiet komuni, il-valuri u r-rabtiet b'saħħithom tal-Partijiet Kontraenti fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport, u jirrikonoxxu x-xewqa komuni tal-Partijiet Kontraenti li jkomplu jiżviluppaw, isaħħu, jistimulaw u jestendu r-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni tagħhom fihom;

([7]) Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU UE L 166, 11.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/694/oj).

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm EU4Health") ([8]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm EU4Health"), b'mod partikolari fir-rigward ta' partijiet speċifiċi rilevanti tal-Programm EU4Health, kif koperti mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-Saħħa (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar is-Saħħa");

FILWAQT LI JAQSMU l-objettivi ġenerali tal-Programm EU4Health biex in-nies fl-Unjoni jiġu protetti minn theddid transfruntier serju għas-saħħa;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-għanijiet komuni, il-valuri u r-rabtiet b'saħħithom tal-Partijiet Kontraenti fil-qasam tas-saħħa u jirrikonoxxu x-xewqa komuni tal-Partijiet Kontraenti li jiżviluppaw, isaħħu, jistimulaw u jestendu r-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni tagħhom fihom;

FILWAQT LI GĦANDHOM L-GĦAN LI tiżdied il-firxa tal-kooperazzjoni tagħhom, bil-bidu tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim mill-aktar fis possibbli;

FILWAQT LI JFITTXU li jiżguraw li l-entitajiet kollha fdati bl-implimentazzjoni ta' proġetti jew azzjonijiet li fir-rigward tagħhom ikunu ttieħdu impenji legali skont il-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ikunu jistgħu jlestu dawk il-proġetti jew azzjonijiet anki fil-każ tal-waqfien tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu jew tat-terminazzjoni tiegħu;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li r-relazzjoni mill-qrib bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni hija ta' benefiċċju għall-Partijiet Kontraenti;

FILWAQT LI JFITTXU li jistabbilixxu qafas dejjiemi għall-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti b'kundizzjonijiet ċari għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programmi u attivitajiet tal-Unjoni kif ukoll mekkaniżmu li jiffaċilita l-istabbiliment ta' tali parteċipazzjoni fi programmi jew attivitajiet individwali tal-Unjoni,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Suġġett

Dan il-Ftehim jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi kwalunkwe programm jew attività tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li hija miftuħa għall-parteċipazzjoni tagħha u li hija elenkata fi protokoll ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "att bażiku" tfisser:

(i) att legali ta' istituzzjoni waħda jew aktar tal-Unjoni, għajr rakkomandazzjoni jew opinjoni, li jistabbilixxi programm u jipprovdi bażi legali għal azzjoni u għall-implimentazzjoni tan-nefqa korrispondenti mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni jew tal-garanzija baġitarja jew tal-assistenza finanzjarja appoġġata mill-baġit tal-Unjoni, inkluż kwalunkwe emenda u kwalunkwe att rilevanti ta' istituzzjoni tal-Unjoni li jissupplimentaw jew jimplimentaw dak l-att, ħlief dawk li jadottaw programmi ta' ħidma; jew

(ii) att legali ta' istituzzjoni waħda jew aktar tal-Unjoni, għajr rakkomandazzjoni jew opinjoni, li jistabbilixxi attività ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni għajr programmi, inkluż kwalunkwe emenda u kwalunkwe att rilevanti ta' istituzzjoni tal-Unjoni li jissupplimentaw jew jimplimentaw dak l-att, ħlief dawk li jadottaw programmi ta' ħidma;

(b) "ftehim ta' finanzjament" tfisser kwalunkwe ftehim relatat ma' programm jew attività tal-Unjoni, kif identifikat fil-protokolli ta' dan il-Ftehim, li fih tipparteċipa l-Iżvizzera u li jimplimenta fondi tal-Unjoni, bħal ftehimiet ta' għotja, ftehimiet ta' kontribuzzjoni, ftehimiet qafas ta' sħubija finanzjarja, ftehimiet ta' finanzjament u ftehimiet ta' garanzija;

([8]) Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm EU4Health") għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU UE L 107, 26.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/522/oj).

(c) "regoli oħra li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-programm jew tal-attività tal-Unjoni" tfisser regoli stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Finanzjarju") li japplikaw għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, u fil-programm ta' ħidma jew fis-sejħiet jew fi proċeduri oħra ta' għoti tal-Unjoni;

(d) "Unjoni" tfisser l-Unjoni jew il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, jew it-tnejn li huma;

(e) "proċedura ta' għoti tal-Unjoni" tfisser proċedura għall-għoti ta' finanzjament tal-Unjoni mnedija mill-Unjoni jew minn persuni jew entitajiet fdati bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni;

(f) "entità Żvizzera" tfisser kwalunkwe tip ta' entità, kemm jekk persuna fiżika, persuna legali jew tip ieħor ta' entità, li tista' tipparteċipa f'attivitajiet ta' programm jew attività tal-Unjoni f'konformità mal-att bażiku u li tirrisjedi fl-Iżvizzera jew li hija stabbilita fl-Iżvizzera skont il-liġi Żvizzera.

Artikolu 3

Stabbiliment tal-parteċipazzjoni

1. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fi, u tikkontribwixxi għal, il-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom, li huma miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'konformità mal-atti bażiċi msemmija u koperti mill-protokolli ta' dan il-Ftehim.

2. Għal kull qafas finanzjarju pluriennali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"QFP") ġdid, wara li l-atti bażiċi li jistabbilixxu l-programmi tal-Unjoni jkunu daħlu fis-seħħ u dment li dawk il-programmi tal-Unjoni jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi inkluża l-Iżvizzera, il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 16 ta' dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Kumitat Konġunt") għandu jiddiskuti l-kontinwità bla xkiel tal-kooperazzjoni stabbilita b'dan il-Ftehim qabel is-sottomissjoni ta' ittra li tesprimi l-intenzjoni tal-Iżvizzera li tipparteċipa fi programm tal-Unjoni.

3. It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi kwalunkwe programm jew attività partikolari tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, għandhom jiġu stabbiliti fil-protokolli ta' dan il-Ftehim. Il-protokolli ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu emendati mill-Kumitat Konġunt.

4. Il-protokolli ta' dan il-Ftehim għandhom:

(a) jidentifikaw il-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li fihom għandha tipparteċipa l-Iżvizzera;

(b) jistabbilixxu d-durata tal-parteċipazzjoni, jiġifieri l-perjodu li matulu l-Iżvizzera u l-entitajiet Żvizzeri jistgħu japplikaw għal finanzjament mill-Unjoni jew jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni;

(c) jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera u entitajiet Żvizzeri, inklużi modalitajiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet finanzjarji kif stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 ta' dan il-Ftehim, modalitajiet speċifiċi għall-mekkaniżmu ta' korrezzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim, u kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fi strutturi maħluqa għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi jew attivitajiet tal-Unjoni; dawn il-kundizzjonijiet għandhom jikkonformaw ma' dan il-Ftehim u mal-atti bażiċi u mal-atti ta' istituzzjoni waħda jew aktar tal-Unjoni li jistabbilixxu tali strutturi;

(d) fejn applikabbli, jistabbilixxi l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għal programm tal-Unjoni implimentat permezz ta' strument finanzjarju jew garanzija baġitarja, soġġett għal kwalunkwe modalità speċifika msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 4

Konformità mar-regoli tal-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom

1. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-programmi jew fl-attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom, koperti mill-protokolli ta' dan il-Ftehim skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim, f'dawk il-protokolli, fl-atti bażiċi u f'regoli oħra li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom.

([9]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU UE L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

2. It-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

(a) l-eliġibbiltà tal-entitajiet Żvizzeri u kwalunkwe kundizzjoni oħra ta' eliġibbiltà relatata mal-Iżvizzera, b'mod partikolari mal-oriġini, mal-post tal-attività jew man-nazzjonalità;

(b) it-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għas-sottomissjoni, il-valutazzjoni u l-għażla tal-applikazzjonijiet u għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet mill-entitajiet Żvizzeri eliġibbli.

3. It-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2, għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet eliġibbli tal-Istati Membri, inkluż ir-rispett għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni, adottati skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"TFUE"), sakemm ma jkunx previst mod ieħor fit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 5

Kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, dwar il-mobbiltà ta' persuni u l-moviment ta' merkanzija u servizzi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom

1. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, magħmul fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni") jew fil-liġi nazzjonali Żvizzera, il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi jew fl-attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Ftehim, li jirrikjedu l-mobbiltà tal-persuni bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera, jew fl-Iżvizzera, għall-implimentazzjoni ta' tali programmi tal-Unjoni għandha tkun bil-kundizzjoni li l-Iżvizzera tiżgura li:

(a) ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fir-rigward tal-mobbiltà tal-persuni għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni;

(b) il-kundizzjonijiet għall-persuni biex jiċċaqilqu lejn l-Iżvizzera u fl-Iżvizzera fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni ma jkunux jinvolvu piżijiet amministrattivi jew finanzjarji mhux ġustifikati; u

(c) il-kundizzjonijiet għall-persuni biex jaċċessaw servizzi fl-Iżvizzera li huma direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni huma l-istess bħal dawk għaċ-ċittadini Żvizzeri; dan jikkonċerna, b'mod partikolari, kwalunkwe tariffa relatata mal-parteċipazzjoni f'attività ffinanzjata minn programm tal-Unjoni, u huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola aktar favorevoli dwar it-tariffi li tista' tapplika fil-kuntest tal-Programm Erasmus+.

2. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli fil-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni jew fid-dritt tal-Unjoni, fir-rigward tal-parteċipazzjoni li timplika l-mobbiltà ta' persuni bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni, jew fl-Unjoni, għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tiżgura li:

(a) il-kundizzjonijiet għall-persuni biex jiċċaqilqu lejn l-Unjoni u fl-Unjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni ma jkunux jinvolvu piżijiet amministrattivi jew finanzjarji mhux ġustifikati; u

(b) il-kundizzjonijiet għall-persuni biex jaċċessaw servizzi fl-Unjoni li huma direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni huma l-istess bħal dawk għaċ-ċittadini tal-Unjoni; dan jikkonċerna, b'mod partikolari, kwalunkwe tariffa relatata mal-parteċipazzjoni f'attività ffinanzjata minn programm tal-Unjoni, u huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola aktar favorevoli dwar it-tariffi li tista' tapplika fil-kuntest tal-Programm Erasmus+.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu kull sforz biex jiffaċilitaw il-moviment transfruntier ta' oġġetti u servizzi maħsuba għall-użu fl-attivitajiet koperti minn dan il-Ftehim, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet eżistenti.

4. Il-protokolli ta' dan il-Ftehim jistgħu jistabbilixxu termini u kundizzjonijiet speċifiċi ulterjuri li jirreferu għal dan l-Artikolu li huma meħtieġa għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi jew fl-attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom.

Artikolu 6

Parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-governanza tal-programmi jew tal-attivitajiet

1. Ħlief fejn dawn jikkonċernaw punti riżervati biss għall-Istati Membri jew li huma marbuta ma' programm jew attività tal-Unjoni, jew parti minnhom, li fihom l-Iżvizzera ma tkunx qed tipparteċipa, ir-rappreżentanti jew l-esperti tal-Iżvizzera, jew l-esperti maħtura mill-Iżvizzera, għandhom jitħallew jieħdu sehem bħala osservaturi fil-kumitati, fil-laqgħat tal-gruppi ta' esperti jew f'laqgħat simili oħra fejn jieħdu sehem rappreżentanti jew esperti tal-Istati Membri, jew esperti maħtura mill-Istati Membri, u li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li fihom l-Iżvizzera tipparteċipa f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim jew li jkunu stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward ta' dawk il-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom. Ir-rappreżentanti jew l-esperti tal-Iżvizzera, jew l-esperti maħtura mill-Iżvizzera, ma għandhomx ikunu preżenti fil-ħin tal-votazzjoni. L-Iżvizzera għandha tiġi infurmata bir-riżultat tal-votazzjoni.

2. Meta l-esperti jew l-evalwaturi ma jiġux maħtura abbażi tan-nazzjonalità, in-nazzjonalità ma għandhiex tkun raġuni biex jiġu esklużi l-esperti jew l-evalwaturi tal-Iżvizzera.

3. Soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Iżvizzera fil-laqgħat imsemmija f'dak il-paragrafu, jew f'laqgħat oħra relatati mal-implimentazzjoni ta' programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, għandha tkun irregolata mill-istess regoli u proċeduri bħal dawk applikabbli għar-rappreżentanti tal-Istati Membri, dwar id-drittijiet tal-kelma, il-wasla ta' informazzjoni u dokumentazzjoni, sakemm ma tikkonċernax punti riżervati biss għall-Istati Membri jew b'rabta ma' programm jew attività tal-Unjoni, jew parti minnhom, li fihom l-Iżvizzera ma tkunx qed tipparteċipa, u r-rimborż tal-kostijiet tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza.

4. Il-protokolli ta' dan il-Ftehim jistgħu jiddefinixxu aktar termini u kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-esperti, kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-bordijiet ta' tmexxija u l-istrutturi maħluqa għall-fini tal-implimentazzjoni ta' programmi jew attivitajiet tal-Unjoni definiti fil-protokolli rispettivi ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 7

Kundizzjonijiet finanzjarji

1. Il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera jew tal-entitajiet Żvizzeri fil-programmi jew fl-attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom, għandha tkun soġġetta għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għall-finanzjament korrispondenti taħt il-baġit tal-Unjoni.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tieħu l-forma tas-somma ta':

(a) kontribuzzjoni operazzjonali; u

(b) tariffa ta' parteċipazzjoni.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tieħu l-forma ta' pagament annwali magħmul f'pagament wieħed jew aktar.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, it-tariffa għall-parteċipazzjoni għandha tkun ta' 4 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali annwali u ma għandhiex tkun soġġetta għal aġġustamenti retrospettivi ħlief fir-rigward tas-sospensjoni skont l-Artikolu 19. F'każ ta' sospensjoni skont l-Artikolu 19, it-tariffa għall-parteċipazzjoni għandha tiġi aġġustata f'konformità mal-aġġustament tal-kontribuzzjoni operazzjonali. Mill-2028, il-livell tat-tariffa għall-parteċipazzjoni jista' jiġi aġġustat mill-Kumitat Konġunt.

5. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tkopri n-nefqa operazzjonali u ta' appoġġ u tkun addizzjonali kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament għall-ammonti mdaħħla fil-baġit tal-Unjoni adottati b'mod definittiv għal programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, miżjuda, fejn xieraq, bi dħul assenjat estern li ma jirriżultax minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi u attivitajiet tal-Unjoni minn donaturi oħra, kif definit fi protokoll ta' dan il-Ftehim.

6. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tkun ibbażata fuq koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit bħala l-proporzjon tal-Prodott Domestiku Gross (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"PDG") tal-Iżvizzera bil-prezzijiet tas-suq mal-PDG tal-Unjoni bil-prezzijiet tas-suq. Għal dak l-għan, iċ-ċifri għall-PDG bil-prezzijiet tas-suq tal-Partijiet Kontraenti għandhom ikunu l-aħħar ċifri disponibbli mill-1 ta' Jannar tas-sena li fiha jsir il-pagament annwali kif previst mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika, magħmul fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2004. Jekk dak il-ftehim ma jibqax japplika, il-PDG tal-Iżvizzera għandu jkun dak stabbilit abbażi tad-data pprovduta mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

7. Il-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tkun ibbażata fuq l-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' impenn inizjali miżjuda kif deskritt fil-paragrafu 5 imdaħħla fil-baġit tal-Unjoni adottat b'mod definittiv għas-sena applikabbli għall-finanzjament tal-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera.

8. It-tariffa ta' parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandu jkollha l-valuri li ġejjin fis-snin 2025 sa 2027:

— 2025: 2,5 %;

— 2026: 3 %;

— 2027: 4 %.

9. Fuq talba, il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi lill-Iżvizzera b'informazzjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni finanzjarja tagħha kif inkluża fl-informazzjoni relatata mal-baġit, il-kontabbiltà, il-prestazzjoni u l-evalwazzjoni pprovduta lill-awtoritajiet baġitarji u tal-kwittanza tal-Unjoni dwar il-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta b'kunsiderazzjoni xierqa għar-regoli tal-Unjoni u tal-Iżvizzera dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data u hija mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni li l-Iżvizzera hija intitolata li tirċievi skont l-Artikolu 12.

10. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha tal-Iżvizzera jew il-pagamenti mill-Unjoni, u l-kalkolu tal-ammonti dovuti jew li għandhom jiġu riċevuti, għandhom isiru f'euro.

11. Dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fil-protokolli rispettivi ta' dan il-Ftehim kif ukoll fl-Anness ta' dan il-Ftehim dwar Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni Finanzjarja.

Artikolu 8

Programm u attivitajiet li għalihom japplika l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-kontribuzzjoni operazzjonali

1. Jekk ikun previst hekk fi protokoll ta' dan il-Ftehim, il-kontribuzzjoni operazzjonali ta' programm jew attività tal-Unjoni, jew parti minnhom, għas-sena N tista' tiġi aġġustata 'l fuq u 'l isfel b'mod retrospettiv f'sena sussegwenti waħda jew aktar abbażi tal-impenji baġitarji magħmula fuq l-approprjazzjonijiet ta' impenn ta' dik is-sena, l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' impenji legali u d-diżimpenn tagħhom.

2. L-ewwel aġġustament għandu jsir fis-sena N+1 meta l-kontribuzzjoni operazzjonali għandha tiġi aġġustata bid-differenza bejn il-kontribuzzjoni inizjali u kontribuzzjoni aġġustata kkalkulata bl-applikazzjoni tal-kjavi tal-kontribuzzjoni tas-sena N, aġġustata permezz tal-applikazzjoni ta' koeffiċjent jekk il-protokoll ikkonċernat jipprevedi dan, għas-somma ta':

(a) l-ammont ta' impenji baġitarji magħmula fuq approprjazzjonijiet ta' impenn awtorizzati fis-sena N taħt il-baġit tal-Unjoni u fuq approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għal diżimpenji li reġgħu saru disponibbli; u

(b) kwalunkwe approprjazzjoni ta' dħul assenjat estern li ma tirriżultax minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi u attivitajiet tal-Unjoni minn donaturi oħra koperti fil-protokolli ta' dan il-Ftehim u li kienet disponibbli fi tmiem is-sena N.

3. Kull sena sussegwenti, sakemm l-impenji baġitarji kollha ffinanzjati taħt l-approprjazzjonijiet ta' impenn li joriġinaw mis-sena N ikunu tħallsu jew ġew diżimpenjati u mhux aktar tard minn 3 snin wara tmiem il-programm tal-Unjoni jew wara tmiem il-QFP li jikkorrispondi għas-sena N, skont liema jiġi l-ewwel, l-Unjoni għandha tikkalkula aġġustament tal-kontribuzzjoni tas-sena N billi tnaqqas il-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera bl-ammont miksub bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni, aġġustat jekk il-protokoll ikkonċernat jipprevedi dan, tas-sena N għad-diżimpenji magħmula kull sena fuq l-impenji tas-sena N iffinanzjati taħt il-baġit tal-Unjoni jew mid-diżimpenji li jerġgħu jsiru disponibbli.

4. Jekk l-approprjazzjonijiet ta' dħul assenjat estern li ma jirriżultawx minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi u attivitajiet tal-Unjoni minn donaturi oħra koperti mill-protokolli ta' dan il-Ftehim jiġu kkanċellati, il-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera għall-programm jew l-attività tal-Unjoni kkonċernati, jew partijiet minnhom, għandha titnaqqas bl-ammont miksub bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni, aġġustat jekk il-protokoll ikkonċernat jipprevedi dan, tas-sena N għall-ammont ikkanċellat.

5. Fis-sena N+2 jew fis-snin sussegwenti, wara li jkunu saru l-aġġustamenti msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, il-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera għas-sena N għandha titnaqqas ukoll b'ammont miksub bil-multiplikazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera għas-sena N u l-proporzjon ta':

(a) l-impenji legali tas-sena N, iffinanzjati taħt kwalunkwe approprjazzjoni ta' impenn disponibbli fis-sena N, u li jirriżultaw minn proċeduri ta' għoti kompetittivi:

(i) li minnhom ġew eskluži l-Iżvizzera u entitajiet Żvizzeri;

(ii) li għalihom tkun skadiet l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 19, jew wara li tkun daħlet fis-seħħ it-terminazzjoni msemmija fl-Artikolu 20; u

(b) l-ammont totali ta' impenji legali ffinanzjati taħt kwalunkwe approprjazzjoni ta' impenn tas-sena N.

6. L-ammont ta' impenji legali, kif iddeterminat skont il-paragrafu 5, għandu jiġi kkalkulat billi jittieħdu l-impenji baġitarji kollha magħmula fis-sena N u jitnaqqsu d-diżimpenji li jkunu saru fuq dawk l-impenji fis-sena N+1.

Artikolu 9

Programmi u attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li għalihom japplika mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika

1. Mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika għandu japplika fir-rigward ta' programm jew attività tal-Unjoni, jew parti minnhom, li għalihom l-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika hija prevista fl-att bażiku li jistabilixxi dak il-programm jew dik l-attività tal-Unjoni u fil-protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim. L-applikazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika tista' tkun limitata għal partijiet tal-programm jew tal-attività tal-Unjoni speċifikati fil-protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim li jiġu implimentati permezz ta' għotjiet li għalihom jiġu organizzati sejħiet kompetittivi. Regoli dettaljati dwar l-identifikazzjoni tal-partijiet tal-programm jew tal-attività tal-Unjoni li għalihom japplika jew ma japplikax il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika jistgħu jiġu stabbiliti f'dak il-protokoll.

2. L-ammont tal-korrezzjoni awtomatika għal programm jew attività tal-Unjoni, jew parti minnhom, għandu jkun id-differenza bejn l-ammonti inizjali tal-impenji legali li fil-fatt daħlu għalihom l-Iżvizzera jew l-entitajiet Żvizzeri ffinanzjati mill-approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena inkwistjoni u l-kontribuzzjoni operazzjonali korrispondenti mħallsa mill-Iżvizzera kif aġġustata skont l-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim jekk il-protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim jipprevedi tali aġġustament, esklużа n-nefqa ta' appoġġ, li tkopri l-istess perjodu.

3. Kwalunkwe ammont imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li għal kull waħda minn sentejn konsekuttivi jaqbeż it-8 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali korrispondenti tal-Iżvizzera għall-programm tal-Unjoni kif aġġustat skont l-Artikolu 8 għandu jkun dovut mill-Iżvizzera bħala kontribuzzjoni addizzjonali skont il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika għal kull waħda minn dawk is-sentejn.

4. Regoli dettaljati dwar l-istabbiliment tal-ammonti rilevanti tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, inkluż fil-każ ta' konsorzji, u dwar il-kalkolu tal-korrezzjoni awtomatika jistgħu jiġu stabbiliti fl-Anness ta' dan il-Ftehim dwar id-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni Finanzjarja.

Artikolu 10

Finanzjament fir-rigward tal-programmi tal-Unjoni implimentati permezz ta' strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji

1. Meta, f'konformità mal-Artikolu 3, l-Iżvizzera tipparteċipa fi programm jew attività tal-Unjoni, jew parti minnhom, li tiġi implimentata permezz ta' strumenti finanzjarji jew garanziji baġitarji skont ir-Regolament Finanzjarju, l-Iżvizzera għandha tipprovdi kontribuzzjoni għal dawk l-istrumenti finanzjarji jew il-garanziji baġitarji f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-att bażiku li jistabbilixxi l-programm jew l-attività tal-Unjoni.

L-ammont ikkontribwit għandu jżid il-garanzija baġitarja tal-Unjoni jew il-pakkett finanzjarju tal-istrument finanzjarju.

2. Fejn xieraq, il-modalitajiet għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu speċifikati aktar fil-protokoll rilevanti.

Artikolu 11

Rieżamijiet u awditi

1. L-Unjoni għandu jkollha d-dritt li twettaq, f'konformità mal-atti applikabbli ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni wieħed jew aktar u kif previst fil-ftehimiet u fil-kuntratti rilevanti, rieżamijiet u awditi tekniċi, xjentifiċi, finanzjarji, jew tipi oħra ta' rieżamijiet u awditi fil-bini ta' kwalunkwe persuna fiżika residenti jew kwalunkwe entità legali stabbilita fl-Iżvizzera u li tirċievi finanzjament mill-Unjoni, kif ukoll kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni residenti jew stabbiliti fl-Iżvizzera. Tali rieżamijiet u awditi jistgħu jitwettqu mill-aġenti tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jew minn persuni oħra b'mandat mill-Kummissjoni Ewropea. Meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fit-territorju tal-Iżvizzera, l-aġenti u l-korpi investigattivi tal-Unjoni għandhom jaġixxu b'mod konsistenti mal-liġi Żvizzera.

2. L-aġenti tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u l-persuni l-oħra inkarigati mill-Kummissjoni Ewropea, għandu jkollhom aċċess xieraq għal siti, xogħlijiet u dokumenti, kemm f'verżjonijiet elettroniċi kif ukoll fuq il-karta, u għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex iwettqu tali awditi, inkluż id-dritt li jiksbu kopja fiżika jew elettronika ta', jew estratti minn, kwalunkwe dokument jew il-kontenut ta' kwalunkwe mezz ta' data miżmum mill-persuna fiżika jew legali awditjata, jew mill-parti terza awditjata.

3. L-Iżvizzera ma għandhiex tipprevjeni jew tqajjem xi ostaklu partikolari għad-dritt ta' dħul fl-Iżvizzera jew għall-aċċess għall-bini minn aġenti jew ta' persuni oħra msemmija fil-paragrafu 2 abbażi tal-eżerċizzju tad-dmirijiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

4. Ir-rieżamijiet u l-awditi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jitwettqu wara s-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' protokoll ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 19, il-waqfien tal-applikazzjoni provviżorja jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim, skont it-termini stabbiliti fl-atti applikabbli ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni wieħed jew aktar jew kif previst fil-ftehimiet u fil-kuntratti rilevanti fir-rigward ta' kwalunkwe impenn legali li jimplimenta l-baġit tal-Unjoni li tkun daħlet għalih l-Unjoni qabel id-data li fiha tidħol fis-seħħ is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-protokoll rilevanti, jew il-waqfien tal-applikazzjoni provviżorja jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 12

Ġlieda kontra l-irregolaritajiet, il-frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"OLAF") għandhom ikunu awtorizzati jwettqu investigazzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-protokolli tiegħu, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, fit-territorju tal-Iżvizzera. Dawk l-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-atti applikabbli ta' istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar. Meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom fit-territorju tal-Iżvizzera, l-aġenti u l-korpi investigattivi tal-Unjoni għandhom jaġixxu b'mod konsistenti mal-liġi Żvizzera.

2. L-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-OLAF fi żmien raġonevoli bi kwalunkwe fatt jew suspett li jkunu saru jafu bih relatat ma' irregolarità, frodi jew attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-protokolli tiegħu.

3. Il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jitwettqu fil-bini ta' kwalunkwe persuna fiżika residenti fl-Iżvizzera jew entità legali stabbilita fl-Iżvizzera u li tirċievi fondi tal-Unjoni, kif ukoll ta' kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni residenti jew stabbiliti fl-Iżvizzera.

4. Il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom jitħejjew u jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea jew mill-OLAF f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtorità tal-awditjar Żvizzera kompetenti li għandha tiġi nnotifikata fi żmien raġonevoli minn qabel dwar l-oġġett, l-iskop u l-bażi legali tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet, sabiex l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri jkunu jistgħu jipprovdu assistenza. Għal dak l-għan, l-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri jistgħu jipparteċipaw fil-verifiki u fl-ispezzjonijiet fuq il-post.

5. Fuq talba mill-awtoritajiet Żvizzeri, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jitwettqu b'mod konġunt mal-Kummissjoni Ewropea jew mal-OLAF.

6. L-aġenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-persunal tal-OLAF għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, inkluża d-data tal-kompjuter, dwar l-operazzjonijiet ikkonċernati li huma meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-kontrolli u tal-ispezzjonijiet fuq il-post. Huma jistgħu, b'mod partikolari, jikkupjaw id-dokumenti rilevanti.

7. Meta l-persuna, l-entità jew parti terza oħra tirreżisti verifika jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet Żvizzeri, filwaqt li jaġixxu f'konformità mar-regoli u r-regolamenti nazzjonali, għandhom jassistu lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-OLAF, biex jippermettulhom iwettqu dmirijiethom fit-twettiq ta' verifika jew spezzjoni fuq il-post. Din l-assistenza għandha tinkludi t-teħid ta' miżuri xierqa ta' prekawzjoni skont il-liġi nazzjonali, b'mod partikolari sabiex tiġi ssalvagwardjata l-evidenza.

8. Il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet Żvizzeri bir-riżultati ta' tali kontrolli u spezzjonijiet. B'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF għandhom jirrapportaw malajr kemm jista' jkun lill-awtorità tal-awditjar Żvizzera kompetenti kwalunkwe fatt jew suspett relatat ma' irregolarità li jkunu saru jafu bih matul il-verifika jew l-ispezzjoni fuq il-post.

9. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt kriminali tal-Iżvizzera, il-Kummissjoni Ewropea tista' timponi miżuri u penali amministrattivi fuq kwalunkwe entità Żvizzera li tipparteċipa fl-implimentazzjoni ta' programm jew attività tal-Unjoni f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

10. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF u l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom jiskambjaw regolarment informazzjoni u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, jikkonsultaw lil xulxin.

11. Sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni effettiva u l-iskambju ta' informazzjoni mal-OLAF, l-Iżvizzera għandha taħtar punt ta' kuntatt.

12. L-informazzjoni skambjata bejn il-Kummissjoni Ewropea jew l-OLAF u l-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandha ssir b'kunsiderazzjoni xierqa għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità. Id-data personali inkluża fl-iskambju ta' informazzjoni għandha tiġi protetta f'konformità mar-regoli applikabbli.

13. L-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom jinfurmaw ukoll lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"UPPE") dwar kwalunkwe fatt jew suspett li jkunu saru jafu bih relatat ma' irregolarità, frodi jew attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni meta dawk il-fatti jew suspetti jikkonċernaw każ li jista' jaqa' taħt il-kompetenza tal-UPPE. F'każijiet fejn ikun hemm investigazzjonijiet jew proċedimenti ġudizzjarji mressqa mill-UPPE jew mill-Iżvizzera li jikkonċernaw reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew tal-Iżvizzera fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, l-Iżvizzera u l-Unjoni għandhom jiżguraw assistenza reċiproka effettiva, f'konformità mal-qafas legali applikabbli, bil-ħsieb li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jissodisfaw id-dmir tagħhom li jinvestigaw, iħarrku u jressqu quddiem il-qrati tagħhom l-awturi u l-kompliċi ta' tali reati kriminali.

Artikolu 13

Emendi għall-Artikoli 11 u 12

Il-Kumitat Konġunt jista' jemenda l-Artikoli 11 u 12 biex iqis il-bidliet li jsiru fl-atti ta' istituzzjoni waħda jew aktar tal-Unjoni.

Artikolu 14

Irkupru u infurzar

1. Deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea li timponi obbligu pekunjarju fuq persuni legali jew fiżiċi għajr l-Istati fir-rigward ta' kwalunkwe pretensjoni li tirriżulta minn programmi, attivitajiet, proġetti jew azzjonijiet tal-Unjoni għandha tkun infurzabbli fl-Iżvizzera. L-ordni għall-infurzar tagħha għandha tiġi mehmuża ma' tali deċiżjoni, mingħajr ebda formalità oħra ħlief verifika tal-awtenticità ta' dik id-deċiżjoni mill-awtorità nazzjonali maħtura għal dak l-għan mill-Gvern tal-Iżvizzera. L-infurzar għandu jsir f'konformità mal-liġi u r-regoli ta' proċedura Żvizzeri. Deċiżjonijiet infurzabbli tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala titoli infurzabbli fis-sens tal-Att Federali Żvizzeru tal-11 ta' April 1889 dwar l-Infurzar tad-Dejn u l-Falliment (DEBA), u mhux soġġetti għal rieżami fuq il-merti quddiem il-qrati Żvizzeri. Il-Gvern tal-Iżvizzera għandu jgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bl-awtorità nazzjonali maħtura tiegħu għall-finijiet ta' dan l-Artikolu. F'konformità mal-Artikolu 15, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun intitolata tinnotifika deċiżjonijiet infurzabbli direttament lil persuni residenti u entitajiet legali stabbiliti fl-Iżvizzera.

2. Is-sentenzi u d-digrieti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mogħtija b'applikazzjoni ta' klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt jew fi ftehim fir-rigward ta' programmi, attivitajiet, proġetti jew azzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu infurzabbli fl-Iżvizzera bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġuriżdizzjoni biex tirrieżamina l-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea msemmija fil-paragrafu 1 u biex tissospendi l-infurzar tagħhom. Madankollu, il-qrati Żvizzeri għandu jkollhom ġuriżdizzjoni fuq ilmenti li l-infurzar ikun qed jitwettaq b'mod irregolari.

Artikolu 15

Komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni

L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni ta' programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew fil-kontroll ta' tali programmi jew attivitajiet, għandhom ikunu intitolati li jikkomunikaw direttament, inkluż permezz ta' sistemi ta' skambju elettroniku, ma' kwalunkwe persuna fiżika residenti fl-Iżvizzera jew entità legali stabbilita fl-Iżvizzera li tirċievi finanzjament mill-Unjoni, kif ukoll ma' kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni li tirrisjedi jew li hija stabbilita fl-Iżvizzera. Tali persuni, entitajiet u partijiet terzi jistgħu jippreżentaw direttament lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti kollha li huma meħtieġa jissottomettu abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għall-programm jew l-attività tal-Unjoni u abbażi ta' kwalunkwe kuntratt jew ftehim ta' finanzjament konklużi għall-implimentazzjoni ta' dak il-programm jew attività.

Artikolu 16

Kumitat Konġunt dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni

1. Kumitat Konġunt dwar il-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni huwa b'dan stabbilit. Il-Kumitat Konġunt għandu:

(a) jiżgura l-funzjonament xieraq u l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim u l-protokolli tiegħu, inklużi l-valutazzjoni, l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-implimentazzjoni tagħhom, u, b'mod partikolari:

(i) il-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni ta' entitajiet Żvizzeri fi programmi u attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom;

(ii) fejn rilevanti, il-livell ta' ftuħ reċiproku għall-entitajiet legali stabbiliti f'kull Parti Kontraenti biex jipparteċipaw fil-programmi, il-proġetti, l-azzjonijiet jew l-attivitajiet, jew partijiet minnhom, tal-Parti Kontraenti l-oħra;

(iii) l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontribuzzjoni finanzjarja msemmi fl-Artikolu 7 u fejn rilevanti l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika applikabbli għall-programmi jew għall-attivitajiet tal-Unjoni koperti mill-protokolli ta' dan il-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 9;

(iv) l-iskambju ta' informazzjoni u, fejn rilevanti, l-eżami ta' kwalunkwe mistoqsija possibbli dwar l-isfruttament tar-riżultati, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(v) id-diskussjoni fuq talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti tar-restrizzjonijiet applikati jew ippjanati mill-Partijiet Kontraenti fuq l-aċċess għall-programmi ta' riċerka u innovazzjoni rispettivi tagħhom, inkluż b'mod partikolari għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tagħhom;

(vi) l-eżami ta' kif tista' tittejjeb u tiġi żviluppata l-kooperazzjoni;

(vii) id-diskussjoni konġunta tal-orjentazzjonijiet u l-prijoritajiet futuri tal-politiki relatati mal-programmi jew mal-attivitajiet tal-Unjoni koperti mill-protokolli ta' dan il-Ftehim;

(viii) l-iskambju ta' informazzjoni, fost oħrajn, dwar leġiżlazzjoni, deċiżjonijiet jew programmi nazzjonali ġodda li huma rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u l-protokolli tiegħu;

(ix) l-adozzjoni ta' protokolli ta' dan il-Ftehim dwar termini u kundizzjonijiet speċifiċi ta' parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, jew l-emendar ta' tali protokolli kif meħtieġ, permezz ta' deċiżjoni;

(x) l-emendar tal-Artikoli 11 u 12 ta' dan il-Ftehim sabiex jitqiesu l-bidliet magħmula fl-atti ta' istituzzjoni waħda jew aktar tal-Unjoni, permezz ta' deċiżjoni;

(b) f'kooperazzjoni mal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar is-Saħħa (il-"Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa"), jiżgura il-funzjonament xieraq u l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programmi għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa ([10]), għal kwistjonijiet koperti f'dan il-Ftehim biss; u b'mod partikolari:

(i) l-adozzjoni jew l-emendar tal-protokoll rilevanti, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa;

(ii) li jgħarraf lill-Kumitat Konġunt dwar is-Saħħa meta l-aġendi tal-laqgħat tiegħu jkunu jinkludu kwistjonijiet relatati ma' programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa.

2. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jittieħdu b'kunsens. Id-deċiżjonijiet għandhom jorbtu lill-Partijiet Kontraenti.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.

4. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe grupp ta' ħidma/ jew korp konsultattiv fuq bażi ad hoc fil-livell ta' esperti biex jassisti fit-twettiq tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun kopresedut minn rappreżentant ta' kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu jaħdem fuq bażi kontinwa permezz ta' skambju ta' informazzjoni rilevanti bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni tal-entitajiet Żvizzeri. Il-Kumitat Konġunt jista', b'mod partikolari, iwettaq il-kompiti tiegħu bil-miktub kull meta tinqala' l-ħtieġa.

7. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena, f'alternazzjoni bejn Brussell u Bern, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor. Għandu jiltaqa' wkoll fuq it-talba ta' xi waħda mill-Partijiet Kontraenti. Il-kopresidenti jistgħu jaqblu li laqgħa tal-Kumitat Konġunt issir permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza.

8. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti skont il-proċeduri tagħhom stess. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lill-xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-aħħar notifika dwar l-istrumenti li ġejjin:

(a) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni;

(b) Il-Protokoll ta' Emenda għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni;

(c) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(d) Il-Protokoll ta' Emenda għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(e) Il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport bl-ajru;

(f) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz tal-linji tal-ferrovija u tat-triq;

(g) Il-Protokoll ta' Emenda għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz tal-linji tal-ferrovija u tat-triq;

([10]) Għall-perjodu 2021-2027 dan huwa l-Programm EU4Health kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm EU4Health") għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU UE L 107, 26.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/522/oj).

(h) Il-Protokoll dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz tal-linji tal-ferrovija u tat-triq;

(i) Il-Protokoll ta' Emenda għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli;

(j) Il-Protokoll Istituzzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku;

(k) Il-Protokoll ta' Emenda għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità;

(l) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja regolari tal-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni Ewropea;

(m) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali.

Artikolu 18

Applikazzjoni provviżorja

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju, f'konformità mal-proċeduri u l-leġiżlazzjoni interni rispettivi tagħhom, mill-1 ta' Jannar 2025. Jekk id-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim tkun wara l-15 ta' Novembru 2025, il-Partijiet Kontraenti għandhom japplikaw dan il-Ftehim b'mod provviżorju, skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni interni rispettivi tagħhom, mill-1 ta' Jannar 2026.

2. L-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim għandha tieqaf sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2028 jekk l-Iżvizzera ma tkunx lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-istrumenti elenkati fl-Artikolu 17 sa dik id-data.

3. Meta l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim tieqaf f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-kontribuzzjoni operazzjonali Żvizzera kif imsemmija fl-Artikolu 7 għandha tkun dovuta mingħajr l-aġġustament previst fl-Artikolu 8 jew il-korrezzjoni prevista fl-Artikolu 9.

4. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li proġetti jew azzjonijiet li fir-rigward tagħhom ikunu saru impenji legali matul l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim għandhom ikomplu sakemm jitlestew skont il-kundizzjonijiet li jistabbilixxi.

Artikolu 19

Sospensjoni

1. L-applikazzjoni ta' protokoll ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża mill-Unjoni fir-rigward ta' programm jew attività tal-Unjoni, jew parti minnhom:

(a) jekk l-Iżvizzera tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 5(1), u tali nuqqas ikollu impatt sinifikanti fuq l-implimentazzjoni ta' dak il-programm jew attività, jew parti minnhom;

(b) fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas parzjali jew sħiħ tal-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta mill-Iżvizzera skont dak il-programm jew attività.

Fil-każ ta' nuqqas ta' pagament li jista' jipperikola b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' programm jew attività tal-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea għandha tibgħat ittra formali ta' tfakkira. Meta ma jsir l-ebda pagament fi żmien 20 jum tax-xogħol wara l-wasla ta' dik l-ittra formali ta' tfakkira, is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim għandha tiġi nnotifikata mill-Kummissjoni Ewropea lill-Iżvizzera permezz ta' ittra formali ta' notifika li għandha tidħol fis-seħħ 15-il jum wara li l-Iżvizzera tkun irċeviet dik in-notifika;

(c) fil-każijiet previsti fl-Artikolu 16 tal-Ftehim dwar is-Saħħa fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa.

2. Fil-każ li l-applikazzjoni ta' protokoll ta' dan il-Ftehim tiġi sospiża, l-entitajiet Żvizzeri ma għandhomx ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw fi proċeduri ta' għoti li jkunu għadhom ma tlestewx meta tidħol fis-seħħ is-sospensjoni. Proċedura ta' għoti għandha tiġi kkunsidrata li tlestiet meta jkunu ttieħdu l-impenji legali b'riżultat ta' dik il-proċedura.

3. Is-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' protokoll ta' dan il-Ftehim ma taffettwax l-impenji legali li jkunu daħlu għalihom l-entitajiet Żvizzeri skont il-programm jew l-attività tal-Unjoni kkonċernati qabel ma tkun daħlet fis-seħħ is-sospensjoni. Il-protokoll rilevanti ta' dan il-Ftehim għandu jkompli japplika għal tali impenji legali.

4. L-Unjoni għandha tinnotifika minnufih lill-Iżvizzera ladarba l-ammont sħiħ tal-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta jkun wasal għand l-Unjoni. Is-sospensjoni għandha titneħħa b'effett immedjat malli ssir din in-notifika.

5. Mid-data li fiha titneħħa s-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' protokoll ta' dan il-Ftehim, l-entitajiet Żvizzeri għandhom jerġgħu jkunu eliġibbli fi proċeduri ta' għoti mnedija taħt il-programm jew l-attività tal-Unjoni kkonċernati wara din id-data u fi proċeduri ta' għoti mnedija qabel din id-data, li għalihom l-iskadenzi għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ma jkunux skadew.

6. Jekk, wara sitt xhur mill-bidu ta' sospensjoni f'konformità mal-paragrafu 1, iċ-ċirkostanzi li kkawżaw is-sospensjoni jippersistu, l-Unjoni tista' ttemm unilateralment il-protokoll sospiż b'rabta mal-programm jew l-attività tal-Unjoni, jew parti minnhom, ikkonċernati.

Artikolu 20

Terminazzjoni

1. Parti Kontraenti tista' ttemm dan il-Ftehim billi tinnotifika lill-Parti Kontraenti l-oħra.

2. Dan il-Ftehim ma għandux jibqa' fis-seħħ 6 xhur wara l-wasla tan-notifika bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Fejn dan il-Ftehim jiġi tterminat skont dan l-Artikolu, il-Partijiet Kontraenti jaqblu li:

(a) il-proġetti jew l-azzjonijiet li fir-rigward tagħhom ikunu saru impenji legali wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u qabel ma jiġi tterminat, għandhom ikomplu sakemm jitlestew skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim;

(b) il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali għal programm jew attività tal-Unjoni tas-sena N li matulha dan il-Ftehim jiġi tterminat għandha titħallas kompletament f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim u ma' kwalunkwe regola rilevanti fil-protokoll ikkonċernat. Fejn japplika l-mekkaniżmu ta' aġġustament, il-kontribuzzjoni operazzjonali għall-programm jew l-attività rilevanti tas-sena N għandha tiġi aġġustata f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim. Għal programmi jew attivitajiet tal-Unjoni fejn japplikaw kemm il-mekkaniżmu ta' aġġustament kif ukoll il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika, il-kontribuzzjoni operazzjonali rilevanti tas-sena N għandha tiġi aġġustata f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim u għandha tiġi kkoreġuta f'konformità mal-Artikolu 9 tiegħu. Għal programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, fejn japplika biss il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni, il-kontribuzzjoni operazzjonali rilevanti tas-sena N għandha tiġi kkoreġuta f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim. It-tariffa għall-parteċipazzjoni mħallsa għas-sena N bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja għal programm jew attività tal-Unjoni ma għandhiex tiġi aġġustata jew ikkoreġuta;

(c) meta japplika l-mekkaniżmu ta' aġġustament, wara s-sena li matulha dan il-Ftehim jiġi tterminat, il-kontribuzzjonijiet operazzjonali għal programm jew attività tal-Unjoni mħallsa għas-snin li matulhom ġie applikat dan il-Ftehim għandhom jiġu aġġustati f'konformità mal-Artikolu 8. Għall-programmi jew attivitajiet tal-Unjoni fejn japplikaw kemm il-mekkaniżmu ta' aġġustament kif ukoll il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika, dawk il-kontribuzzjonijiet operazzjonali għandhom jiġu aġġustati f'konformità mal-Artikolu 8 kkoreġuti awtomatikament f'konformità mal-Artikolu 9. Għal programmi jew attivitajiet tal-Unjoni fejn japplika biss il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika, il-kontribuzzjonijiet operazzjonali rilevanti għandhom jiġu kkoreġuti awtomatikament f'konformità mal-Artikolu 9.

4. Soġġett għall-paragrafu 3, il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa tista' tintemm fil-każijiet previsti fl-Artikolu 16 tal-Ftehim dwar is-Saħħa.

5. Soġġett għall-paragrafu 3, u minkejja kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja f'dan il-Ftehim, il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għandha tieqaf fl-istess jum li fih il-Ftehim dwar is-Saħħa ma jibqax fis-seħħ.

6. Il-Partijiet Kontraenti għandhom isolvu b'kunsens komuni kwalunkwe konsegwenza oħra tat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 21

Annessi u Protokolli

Il-Protokolli u l-Anness ta' dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

Dan il-Ftehim huwa abbozzat f'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Съставено в Берн на десети ноември две хиляди двадесет и пета година.

Hecho en Berna, el diez de noviembre de dos mil veinticinco.

V Bernu dne desátého listopadu dva tisíce dvacet pět.

Udfærdiget i Bern den tiende november to tusind og femogtyve.

Geschehen zu Bern am zehnten November zweitausendfünfundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne viienda aasta novembrikuu kümnendal päeval Bernis.

Έγινε στη Βέρνη, στις δέκα Νοεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι πέντε.

Done at Berne, on the tenth day of November in the year two thousand and twenty-five.

Fait à Berne, le dix novembre deux mille vingt-cinq.

Arna dhéanamh i mBeirn, an deichiú lá de mhí na Samhna sa bhliain dhá mhíle a fiche cúig.

Sastavljeno u Bernu desetog studenoga godine dvije tisuće dvadeset pete.

Fatto a Berna, addì dieci novembre duemilaventicinque.

Bernē, divi tūkstoši divdesmit piektā gada desmitajā novembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt penktų metų lapkričio dešimtą dieną Berne.

Kelt Bernben, a kétezerhuszonötödik év november havának tizedik napján.

Magħmul f'Bern, fl-għaxar jum ta' Novembru fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin.

Gedaan te Bern, tien november tweeduizend vijfentwintig.

Sporządzono w Bernie dnia dziesiątego listopada roku dwa tysiące dwudziestego piątego.

Feito em Berna, em dez de novembro de dois mil e vinte e cinco.

Întocmit la Berna la zece noiembrie două mii douăzeci și cinci.

V Berne desiateho novembra dvetisícdvadsaťpäť.

V Bernu, desetega novembra dva tisoč petindvajset.

Tehty Bernissä kymmenentenä päivänä marraskuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäviisi.

Som skedde i Bern den tionde november tjugohundratjugofem.


За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Европейската общност за атомна енергия
Por la Comunidad Europea de la Energía Atómica
Za Evropské společenství pro atomovou energii
For Det Europæiske Atomenergifællesskab
Für die Europäische Atomgemeinschaft
Euroopa Aatomienergiaühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα Ατομικής Ενέργειας
For the European Atomic Energy Community
Pour la Communauté européenne de l'énergie atomique
Thar ceann an Chomhphobail Eorpaigh do Fhuinneamh Adamhach
Za Europsku zajednicu za atomsku energiju
Per la Comunità europea dell'energia atomica
Eiropas Atomenerģijas Kopienas vārdā –
Europos atominės energijos bendrijos vardu
Az Európai Atomenergia-közösség részéről
F'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
Voor de Europese Gemeenschap voor Atoomenergie
W imieniu Europejskiej Wspólnoty Energii Atomowej
Pela Comunidade Europeia da Energia Atómica
Pentru Comunitatea Europeană a Energiei Atomice
Za Európske spoločenstvo pre atómovú energiu
Za Evropsko skupnost za atomsko energijo
Euroopan atomienergiajärjestön puolesta
För Europeiska atomenergigemenskapen



За Конфедерация Швейцария
Por la Confederación Suiza
Za Švýcarskou konfederaci
For Det Schweiziske Forbund
Für die Schweizerische Eidgenossenschaft
Šveitsi Konföderatsiooni nimel
Για την Ελβετική Συνομοσπονδία
For the Swiss Confederation
Pour la Confédération suisse
Thar ceann Cónaidhm na hEilvéise
Za Švicarsku Konfederaciju
Per la Confederazione Svizzera
Šveices Konfederācijas vārdā –
Šveicarijos Konfederacijos vardu
A Svájci Államszövetség részéről
Għall-Konfederazzjoni Żvizzera
Voor de Zwitserse Bondsstaat
W imieniu Konfederacji Szwajcarskiej
Pela Confederação Suíça
Pentru Confederaţia Elveţiană
Za Švajčiarsku konfederáciu
Za Švicarsko konfederacijo
Sveitsin valaliiton puolesta
För Schweiziska edsförbundet



ANNESS

ANNESS DWAR DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkomunika lill-Iżvizzera, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mis-16 ta' April ta' kull sena finanzjarja, l-informazzjoni li ġejja għal kull programm jew attività tal-Unjoni, jew parti minnhom, li fiha tipparteċipa l-Iżvizzera:

   (a) l-ammonti f'approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit tal-Unjoni adottati b'mod definittiv għas-sena inkwistjoni għal-linji baġitarji li jkopru l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'konformità mal-protokolli ta' dan il-Ftehim u, jekk rilevanti, l-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' dħul assenjat estern li ma jirriżultawx minn kontribuzzjoni finanzjarja minn donaturi oħra f'dawk il-linji baġitarji;

   (b) l-ammont tat-tariffa ta' parteċipazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim;

   (c) mis-sena N+1 tal-implimentazzjoni ta' programm inkluż fil-protokolli ta' dan il-Ftehim, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għas-sena baġitarja N u l-livell ta' diżimpenn;

   (d) għall-programmi, jew partijiet minnhom, li għalihom japplika l-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim, fejn tali informazzjoni tkun meħtieġa biex tiġi kkalkulata l-korrezzjoni awtomatika, il-livell ta' impenji meħuda favur l-entitajiet Żvizzeri mqassma skont is-sena korrispondenti tal-approprjazzjonijiet baġitarji u l-livell totali relatat tal-impenji.

   Abbażi tal-abbozz tal-baġit tagħha, il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi stima tal-informazzjoni skont il-punti (a) u (b) malajr kemm jista' jkun, jekk possibbli matul Ġunju, u mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru ta' kull sena finanzjarja.

2. Il-valur totali tas-sejħa għall-fondi għal sena partikolari għandu jiġi stabbilit billi jiġi applikat l-ammont annwali kkalkulat b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim, inkluż, jekk applikabbli għall-programm tal-Unjoni, kwalunkwe aġġustament skont l-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim, u jekk applikabbli għall-programm tal-Unjoni, kwalunkwe korrezzjoni skont l-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim.

   L-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu ma għandha l-ebda effett fuq l-istabbiliment tal-kalkolu tal-korrezzjoni awtomatika skont l-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħroġ, mhux aktar tard mis-16 ta' April u, jekk applikabbli għall-programm tal-Unjoni, mhux qabel it-22 ta' Ottubru u mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena finanzjarja, sejħa għall-fondi lill-Iżvizzera li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera skont dan il-Ftehim għal kull wieħed mill-programmi jew attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera.

4. Is-sejħa għall-fondi msemmija fil-paragrafu 3 għandha tkun strutturata f'pagamenti parzjali kif ġej:

   (a) l-ewwel pagament tas-sena, fir-rigward tas-sejħa għal fondi li għandha tinħareġ sas-16 ta' April, għandu jikkorrispondi għal ammont sal-ekwivalenti tal-istima tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-programm inkwistjoni msemmi fil-paragrafu 1.

      L-Iżvizzera għandha tħallas l-ammont indikat f'din is-sejħa għall-fondi mhux aktar tard minn 60 jum wara li tinħareġ is-sejħa għall-fondi;

   (b) fejn applikabbli, it-tieni ħlas parzjali tas-sena, fir-rigward tas-sejħa għal fondi li għandha tinħareġ mhux qabel it-22 ta' Ottubru u mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru, għandu jikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 u l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 fejn l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 jkun ogħla. L-Iżvizzera għandha tħallas l-ammont indikat f'din is-sejħa għall-fondi sa mhux aktar tard mill-21 ta' Diċembru.

   L-Iżvizzera tista' tagħmel pagamenti separati għal kull programm u attività.

5. Meta dan il-Ftehim jibda japplika b'mod provviżorju fl-2025, għall-ewwel sena tal-implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni Ewropea għandha toħroġ sejħa unika għall-fondi fi żmien 60 jum mill-iffirmar ta' dan il-Ftehim u, mhux aktar tard mill-10 ta' Diċembru 2025.

6. Meta dan il-Ftehim jibda japplika provviżorjament fl-2025, l-Iżvizzera għandha tħallas l-ammont indikat fis-sejħa għall-fondi skont il-paragrafu 5 sa mhux aktar tard minn 30 jum wara li tinħareġ is-sejħa għall-fondi u mhux aktar tard mill-21 ta' Diċembru 2025.

7. Meta l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera tiġi tterminata skont l-Artikolu 20 ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe pagament relatat mal-perjodu qabel ma tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni għandu jsir dovut. Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħroġ sejħa għal fondi fir-rigward tal-ammont dovut mhux aktar tard minn xahar wara li tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni. L-Iżvizzera għandha tħallas dak l-ammont dovut fi żmien 60 jum mill-ħruġ tas-sejħa għall-fondi.

8. Kwalunkwe dewmien fil-ħlas tal-kontribuzzjoni għandu jagħti lok għall-ħlas ta' imgħax ta' inadempjenza mill-Iżvizzera fuq l-ammont pendenti mid-data dovuta sal-jum li fih dak l-ammont pendenti jitħallas kollu.

9. Ir-rata tal-imgħax għall-ammonti riċevibbli iżda mhux imħallsa fid-data dovuta għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li fih taħbat id-data dovuta, jew 0 %, skont liema tkun l-ogħla, biż-żieda ta' 3,5 punti perċentwali.

PROTOKOLL 1

IL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMM ORIZZONT EWROPA, FIL-PROGRAMM TA' RIĊERKA U TAĦRIĠ TAL-EURATOM, FIL-PROGRAMM EWROPA DIĠITALI U FIL-PROGRAMM ERASMUS+

PARTI I

REGOLI ĠENERALI

Artikolu 1

Programmi li fihom tipparteċipa l-Iżvizzera

1. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa bħala pajjiż assoċjat fil-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, stabbiliti bl-atti bażiċi li ġejjin u tikkontribwixxi għalihom:

(a) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm Orizzont Ewropa"), u implimentat permezz tal-programm speċifiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li jħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE ([2]), fl-aktar verżjonijiet aġġornati tagħhom u permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/819 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ([3]);

(b) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkomplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament (Euratom) 2018/1563 ([4]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm Euratom"), fil-verżjoni l-aktar aġġornata tiegħu;

(c) Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 ([5]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm Ewropa Diġitali"), fl-aktar verżjoni aġġornata tiegħu;

(d) Ir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 ([6]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm Erasmus+"), fl-aktar verżjoni aġġornata tiegħu;

2. Dan il-Protokoll ma għandux japplika għal proċeduri ta' għoti li jimplimentaw impenji baġitarji għal:

(a) 2021, 2022, 2023 jew 2024 fil-programmi jew fl-attivitajiet tal-Unjoni, jew f'partijiet minnhom, imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 1(1) ta' dan il-Protokoll;

(b) 2021, 2022, 2023, 2024, 2025 jew 2026 fil-programm tal-Unjoni msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 1(1) ta' dan il-Protokoll.

([1]) ĠU UE L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj.
([2]) ĠU UE L 167 I, 12.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/764/oj.
([3]) ĠU UE L 189, 28.5.2021, p. 61, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/819/oj.
([4]) ĠU UE L 167 I, 12.5.2021, p. 81, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/765/oj.
([5]) ĠU UE L 166, 11.5.2021, p. 1, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2021/694/oj.
([6]) ĠU UE L 189, 28.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/817/oj.

Artikolu 2

Tul ta' żmien tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera

1. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, imsemmija:

(a) fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 1(1) ta' dan il-Protokoll mill-1 ta' Jannar 2025 jew data oħra jekk prevista minn titolu speċifiku ta' dan il-Protokoll għad-durata li jifdal tagħhom jew sa tmiem il-QFP 2021-2027, skont liema jkun iqsar;

(b) fil-punt (d) tal-Artikolu 1(1) ta' dan il-Protokoll mill-1 ta' Jannar 2027 għall-bqija tal-perjodu tiegħu jew sa tmiem il-QFP 2021-2027, skont liema jkun iqsar, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14 ta' dan il-Protokoll.

2. L-Iżvizzera jew l-entitajiet Żvizzeri għandhom ikunu eliġibbli skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim, fir-rigward tal-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni, li jimplimentaw l-impenji baġitarji tal-programmi u l-attivitajiet, jew partijiet minnhom, imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Għall-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 1(1) ta' dan il-Protokoll, l-Iżvizzera jew l-entitajiet Żvizzeri ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont il-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni li jimplimentaw impenji baġitarji għall-2021, l-2022, l-2023 jew l-2024 mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' eliġibbiltà applikabbli għall-entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati stabbiliti fl-att bażiku jew regoli oħra li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-programm jew tal-attività tal-Unjoni.

Għall-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, jew partijiet minnhom, imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 1(1) ta' dan il-Protokoll, l-Iżvizzera jew l-entitajiet Żvizzeri ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont il-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni li jimplimentaw impenji baġitarji għall-2021, l-2022, l-2023, l-2024, l-2025 jew l-2026 mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' eliġibbiltà applikabbli għall-entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati stabbiliti fl-att bażiku jew regoli oħra li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-programm jew tal-attività tal-Unjoni.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet finali

Dan il-Protokoll għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ikun meħtieġ għat-tlestija tal-proġetti, tal-azzjonijiet, tal-attivitajiet, jew ta' partijiet minnhom, kollha ffinanzjati mill-programmi tal-Unjoni elenkat fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, tal-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u tal-obbligi finanzjarji kollha li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll bejn il-Partijiet Kontraenti.

Dan il-Protokoll għandu jiġi estiż u japplika għall-perjodu 2026-2027 bl-istess termini u kundizzjonijiet għas-suċċessur tal-Programm Euratom, sakemm fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ta' dak il-programm suċċessur, kwalunkwe Parti Kontraenti ma tinnotifikax id-deċiżjoni tagħha li ma testendix dan il-Protokoll ta' dak il-programm suċċessur. Fil-każ ta' tali notifika, dan il-Protokoll ma għandux japplika mill-1 ta' Jannar 2026 fir-rigward tas-suċċessur tal-Programm Euratom.

Artikolu 4

Anness

L-Anness ta' dan il-Protokoll għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

PARTI II

TERMINI U KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMMI TAL-UNJONI

TITOLU 1

IL-PROGRAMM ORIZZONT EWROPA U L-PROGRAMM EURATOM LI JIKKOMPLEMENTA L-PROGRAMM ORIZZONT EWROPA

Artikolu 5

Termini u kundizzjonijiet speċifiċi ta' parteċipazzjoni fil-Programm Orizzont Ewropa u fil-Programm Euratom li jikkumplimenta l-Programm Orizzont Ewropa

1. Qabel ma tiddeċiedi dwar jekk l-entitajiet Żvizzeri humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'azzjoni relatata mal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni skont l-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2021/695, il-Kummissjoni Ewropea tista' titlob informazzjoni jew assigurazzjonijiet speċifiċi, bħal:

(a) informazzjoni dwar jekk ingħatax jew huwiex se jingħata aċċess reċiproku lill-entitajiet tal-Unjoni għal programmi, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet, jew miżuri oħra eżistenti u ppjanati, jew partijiet minnhom, tal-Iżvizzera ekwivalenti għall-azzjoni kkonċernata ta' Orizzont Ewropa;

(b) informazzjoni dwar jekk l-Iżvizzera għandhiex fis-seħħ mekkaniżmu nazzjonali ta' skrinjar tal-investiment u assigurazzjonijiet li l-awtoritajiet Żvizzeri se jirrapportaw, u jikkonsultaw, lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe każ possibbli fejn, fl-applikazzjoni ta' tali mekkaniżmu, ikunu saru konxji ta' investiment barrani ppjanat jew akkwiżizzjoni minn entità stabbilita jew ikkontrollata minn barra l-Iżvizzera ta' entità Żvizzera li tkun irċeviet il-finanzjament tal-Programm Orizzont Ewropa jew tal-Programm Euratom f'azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni, dment li l-Kummissjoni Ewropea tforni lill-Iżvizzera bil-lista tal-entitajiet Żvizzeri rilevanti wara l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' dawk l-entitajiet; u

(c) assigurazzjonijiet li l-ebda mir-riżultati, teknoloġiji, servizzi u prodotti żviluppati taħt l-azzjonijiet ikkonċernati minn entitajiet Żvizzeri mhu se jkunu soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tagħhom lejn Stati Membri matul l-azzjoni u għal erba' snin wara t-tmiem tal-azzjoni; L-Iżvizzera għandha taqsam lista aġġornata ta' suġġetti ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq bażi annwali, matul l-azzjoni u għal 4 snin wara tmiem l-azzjoni.

2. L-entitajiet Żvizzeri jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea (JRC, Joint Research Centre) skont it-termini u l-kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet tal-Unjoni sakemm ma jkunux meħtieġa limitazzjonijiet biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-kamp ta' applikazzjoni tal-parteċipazzjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-paragrafu 1.

3. Meta l-Unjoni timplimenta l-Programm Orizzont Ewropa permezz tal-applikazzjoni tal-Artikoli 185 u 187 TFUE, l-Iżvizzera u l-entitajiet Żvizzeri jistgħu jipparteċipaw fl-istrutturi legali maħluqa skont dawk id-dispożizzjonijiet, f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni li ġew adottati jew li se jiġu adottati għall-istabbiliment ta' dawk l-istrutturi legali.

4. L-Iżvizzera għandha tinżamm infurmata regolarment dwar l-attivitajiet tal-JRC relatati mal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'kull programm, b'mod partikolari dwar il-programmi ta' ħidma pluriennali tal-JRC. Rappreżentant ta' livell għoli mill-Iżvizzera għandu jiġi mistieden bħala osservatur għal-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC fir-rigward ta' punt li jikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera f'kull programm.

5. Ir-Regolament (UE) 2021/819 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jew l-att legali tal-Unjoni li jissostitwixxi dak ir-Regolament, u d-Deċiżjoni (UE) 2021/820 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), għandhom japplikaw għall-parteċipazzjoni tal-entitajiet Żvizzeri fil-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2021/819 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU UE L 189, 28.5.2021, p. 61, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/819/oj).

([8]) Id-Deċiżjoni (UE) 2021/820 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 2021–2027: Nagħtu Spinta lit-Talent u lill-Kapaċità ta' Innovazzjoni fl-Ewropa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE (ĠU UE L 189, 28.5.2021, p. 91, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/820/oj).

6. Ir-rappreżentanti tal-Iżvizzera għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-kumitat imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 u fl-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765, mingħajr drittijiet tal-vot u għal punti li jikkonċernaw lill-Iżvizzera meta dak il-kumitat jiddiskuti kwistjonijiet li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa u tal-Programm Euratom. Din il-parteċipazzjoni għandha tkun f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar tar-rappreżentanti tal-Iżvizzera għal-laqgħat ta' dak il-kumitat għandhom jiġu rimborżati fil-klassi ekonomika. Għall-kwistjonijiet l-oħra kollha, r-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza għandu jkun irregolat mill-istess regoli li japplikaw għar-rappreżentanti mill-Istati Membri.

Artikolu 6

Reċiproċità

L-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw fi programmi, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet, miżuri oħra, jew partijiet minnhom, tal-Iżvizzera ekwivalenti għal dawk tal-Programm Orizzont Ewropa u tal-Programm Euratom, f'konformità mar-regolamenti tal-Iżvizzera.

Il-lista mhux eżawrjenti tal-programmi, tal-proġetti, tal-azzjonijiet, tal-attivitajiet, ta' miżuri oħra, jew ta' partijiet minnhom, ekwivalenti tal-Iżvizzera hija prevista fl-Anness ta' dan il-Protokoll.

Il-finanzjament ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni mill-Iżvizzera għandu jkun soġġett għar-regolamenti tal-Iżvizzera li jirregolaw l-operat ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet, miżuri oħra, jew partijiet minnhom. Meta ma jkunx hemm finanzjament ipprovdut, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw bil-mezzi tagħhom stess.

Artikolu 7

Xjenza miftuħa

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jippromwovu u jinkoraġġixxu b'mod reċiproku l-prattiki tax-xjenza miftuħa fil-programmi, proġetti, azzjonijiet u attivitajiet tagħhom, jew partijiet minnhom, f'konformità mar-regoli tal-Programm Orizzont Ewropa u l-Programm Euratom u r-regolamenti tal-Iżvizzera.

Artikolu 8

Kundizzjonijiet finanzjarji għall-Programm Orizzont Ewropa

1. L-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim għandu japplika għall-Programm Orizzont Ewropa.

2. L-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim għandu japplika għall-Programm Orizzont Ewropa.

3. Għall-kalkolu tal-korrezzjoni awtomatika kif imsemmi fl-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim u f'dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-arranġamenti dettaljati li ġejjin:

(a) "għotjiet kompetittivi" tfisser għotjiet mogħtija permezz ta' sejħiet għal proposti fejn il-benefiċjarji finali jistgħu jiġu identifikati fil-ħin tal-kalkolu tal-korrezzjoni awtomatika; l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi kif definit fl-Artikolu 207 tar-Regolament Finanzjarju huwa eskluż;

(b) meta jiġi ffirmat impenn legali ma' konsorzju, l-ammonti użati biex jiġu stabbiliti l-ammonti inizjali tal-impenn legali għandhom ikunu l-ammonti kumulattivi allokati lill-benefiċjarji li huma entitajiet Żvizzeri f'konformità mat-tqassim indikattiv tal-baġit tal-ftehim ta' għotja;

(c) l-ammonti kollha ta' impenji legali li jikkorrispondu għal għotjiet kompetittivi għandhom jiġu stabbiliti bl-użu tas-sistema elettronika tal-Kummissjoni Ewropea eCorda u jiġu estratti fit-tieni Erbgħa ta' Frar tas-sena N+2;

(d) "kostijiet mingħajr intervent" tfisser kostijiet tal-Programm Orizzont Ewropa għajr għotjiet kompetittivi, inkluż nefqa ta' appoġġ, amministrazzjoni speċifika għall-programm u azzjonijiet oħra;

(e) l-ammonti allokati lill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħala entitajiet legali li huma l-benefiċjarju finali għandhom jitqiesu bħala kostijiet mhux ta' intervent.

4. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika għandu jiġi applikat kif ġej:

(a) korrezzjonijiet awtomatiċi għas-sena N fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għas-sena N, miżjuda skont l-Artikolu 7(5) ta' dan il-Ftehim, għandhom jiġu applikati abbażi tad-data tas-sena N u s-sena N+1 minn eCorda msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fis-sena N+2 wara li kwalunkwe aġġustament skont l-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim ikun ġie applikat għall-kontribuzzjoni tal-Iżvizzera għall-Programm Orizzont Ewropa; l-ammont ikkunsidrat għandu jkun l-ammont ta' għotjiet kompetittivi li għalihom hija disponibbli d-data, fil-ħin tal-kalkolu tal-korrezzjoni;

(b) mis-sena N+2 u sal-2029, l-ammont tal-korrezzjoni awtomatika għandu jiġi kkalkulat għas-sena N billi tittieħed id-differenza bejn:

(i) l-ammont totali tal-għotjiet kompetittivi mqassma lill-Iżvizzera jew lill-entitajiet Żvizzeri bħala impenji magħmula fuq l-approprjazzjonijiet tal-baġit tas-sena N, u

(ii) l-ammont tal-kontribuzzjoni operazzjonali aġġustata tal-Iżvizzera għas-sena N immultiplikat bil-proporzjon bejn:

A. l-ammont ta' għotjiet kompetittivi magħmula fuq approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena N, miżjuda f'konformità mal-Artikolu 7(5) ta' dan il-Ftehim, u

B. it-total tal-approprjazzjonijiet ta' impenn baġitarju awtorizzati kollha tas-sena N, inklużi l-kostijiet mhux ta' intervent.

Meta jsir kwalunkwe aġġustament għal sitwazzjonijiet fejn l-entitajiet Żvizzeri huma esklużi, skont l-applikazzjoni tal-Artikolu 8, l-ammonti tal-għotja kompetittiva korrispondenti ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkoli.

5. Jekk fir-rigward tal-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Iżvizzera għal sena partikolari N, l-ammont tad-differenza kkalkulat f'konformità mal-metodu stabbilit fl-Artikolu 9(2) ta' dan il-Ftehim ikun negattiv u f'termini assoluti jaqbeż it-8 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali korrispondenti għas-sena N, il-kontribuzzjoni operazzjonali futura tal-Iżvizzera għas-sena N+2 għandha titnaqqas bid-differenza bejn l-ammont assolut ikkalkulat f'konformità mal-metodu stabbilit fl-Artikolu 9(2) għas-sena N, u l-ammont li jikkorrispondi għal 8 % tal-kontribuzzjoni operazzjonali korrispondenti għas-sena N.

Wara tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll, kwalunkwe tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet operazzjonali futuri, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandu jiġi applikat għall-kontribuzzjonijiet operazzjonali tal-Iżvizzera għal programm sussegwenti li fih tipparteċipa l-Iżvizzera.

Jekk il-kontribuzzjoni operazzjonali tal-Iżvizzera tiġi aġġustata fis-sena N+2 f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi, tali aġġustament għandu jitqies għall-fini tal-kalkolu tal-ammont annwali għas-sena N+2 f'konformità mal-punt 4 tal-Anness ta' dan il-Ftehim dwar id-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni Finanzjarja.

Artikolu 9

Kundizzjonijiet finanzjarji għall-Programm Euratom

1. L-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim ma għandux japplika għall-Programm Euratom, li jikkomplementa l-Programm Orizzont Ewropa.

2. L-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim ma għandux japplika għall-Programm Euratom, li jikkomplementa l-Programm Orizzont Ewropa.

3. B'deroga mill-Artikolu 7(7) ta' dan il-Ftehim, il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni li għandu jiġi applikat fis-snin 2025, 2026 u 2027 għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni operazzjonali għall-parteċipazzjoni fil-Programm Euratom għandu jkun ta' 95,4 % tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit fl-Artikolu 7(6) ta' dan il-Ftehim.

TITOLU 2

PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMM EWROPA DIĠITALI

Artikolu 10

Ambitu tal-assoċjazzjoni

L-Iżvizzera għandha tipparteċipa bħala pajjiż assoċjat fi, u tikkontribwixxi għal, l-Objettivi Speċifiċi (OS) OS1 (Computing ta' Prestazzjoni Għolja (HPC, High Performance Computing)), OS2 (Intelliġenza Artifiċjali), OS4 (Ħiliet Diġitali Avvanzati), u OS5 (Użu u l-Aħjar Użu tal-Kapaċitajiet Diġitali u Interoperabbiltà) tal-Programm Ewropa Diġitali msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/694.

Artikolu 11

Termini u kundizzjonijiet speċifiċi tal-parteċipazzjoni fil-Programm Ewropa Diġitali

1. Qabel ma tiddeċiedi dwar jekk l-entitajiet Żvizzeri humiex eliġibbli biex jipparteċipaw f'azzjoni li għaliha l-parteċipazzjoni tkun ġiet ristretta għal raġunijiet debitament ġustifikati abbażi tal-Artikolu 12(6) tar-Regolament (UE) 2021/694, il-Kummissjoni Ewropea tista' titlob informazzjoni jew assigurazzjonijiet speċifiċi, bħal:

(a) informazzjoni dwar jekk ingħata jew huwiex se jingħata aċċess reċiproku lill-entitajiet tal-Unjoni għal programmi, proġetti jew azzjonijiet eżistenti u ppjanati tal-Iżvizzera ekwivalenti għall-azzjoni Ewropa Diġitali kkonċernata;

(b) informazzjoni dwar jekk l-Iżvizzera għandhiex fis-seħħ mekkaniżmu nazzjonali ta' skrinjar tal-investiment, u assigurazzjonijiet li l-awtoritajiet Żvizzeri se jirrapportaw u jikkonsultaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar kwalunkwe każ possibbli fejn, fl-applikazzjoni ta' tali mekkaniżmu, ikunu saru konxji ta' investiment barrani ppjanat jew akkwiżizzjoni minn entità stabbilita jew ikkontrollata minn barra l-Iżvizzera ta' entità Żvizzera li tkun irċeviet finanzjament minn Ewropa Diġitali f'azzjonijiet, dment li l-Kummissjoni Ewropea tforni lill-Iżvizzera bil-lista tal-entitajiet legali rilevanti stabbiliti fl-Iżvizzera wara l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' dawk l-entitajiet; u

(c) assigurazzjonijiet li l-ebda wieħed mir-riżultati, mit-teknoloġiji, mis-servizzi u mill-prodotti żviluppati skont l-azzjonijiet ikkonċernati mill-entitajiet stabbiliti fl-Iżvizzera ma għandu jkun soġġett għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tagħhom lejn l-Istati Membri matul l-azzjoni u għal erba' snin wara t-tmiem tal-azzjoni; L-Iżvizzera se taqsam lista aġġornata ta' suġġetti ta' restrizzjonijiet nazzjonali fuq l-esportazzjoni fuq bażi annwali, matul l-azzjoni u għal 4 snin wara tmiem l-azzjoni.

2. Meta l-kundizzjonijiet tas-sejħa jirrestrinġu l-parteċipazzjoni f'azzjoni minħabba kunsiderazzjonijiet relatati mas-sigurtà tal-Unjoni skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (UE) 2021/694, il-Kummissjoni Ewropea tista' titlob informazzjoni jew assigurazzjoni speċifika mill-Iżvizzera sabiex tivvaluta l-adegwatezza tal-garanziji pprovduti mill-entitajiet rilevanti li l-parteċipazzjoni tagħhom fl-azzjoni ma jkollhiex impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-Unjoni.

3. Meta l-Unjoni timplimenta l-Programm Ewropa Diġitali bl-applikazzjoni tal-Artikoli 185 u 187 TFUE, l-Iżvizzera u l-entitajiet legali Żvizzeri jistgħu jipparteċipaw fl-istrutturi legali maħluqa skont dawk id-dispożizzjonijiet, f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni li ġew adottati jew li se jiġu adottati għall-istabbiliment ta' dawk l-istrutturi legali.

Artikolu 12

Reċiproċità

L-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw fi programmi, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet, miżuri oħra, jew partijiet minnhom, tal-Iżvizzera ekwivalenti għal dawk tal-Programm Ewropa Diġitali, f'konformità mar-regolamenti tal-Iżvizzera.

Il-lista mhux eżawrjenti tal-programmi, tal-proġetti, tal-azzjonijiet, tal-attivitajiet, ta' miżuri oħra, jew ta' partijiet minnhom, ekwivalenti tal-Iżvizzera hija prevista fl-Anness ta' dan il-Protokoll.

Il-finanzjament ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni mill-Iżvizzera għandu jkun soġġett għar-regolamenti tal-Iżvizzera li jirregolaw l-operat ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet, miżuri oħra, jew partijiet minnhom. Meta ma jkunx hemm finanzjament ipprovdut, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw bil-mezzi tagħhom stess.

Artikolu 13

Kundizzjonijiet finanzjarji

L-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim m'għandux japplika għall-Programm Ewropa Diġitali.

TITOLU 3

PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMM ERASMUS+

Artikolu 14

Termini u kundizzjonijiet speċifiċi tal-parteċipazzjoni fil-Programm Erasmus+

Il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-Programm Erasmus+ għandha tkun kundizzjonali fuq in-nomina ta' awtorità nazzjonali, l-istabbiliment ta' aġenzija nazzjonali, u l-ħatra ta' korp indipendenti tal-awditjar, f'konformità mal-Artikoli 26 sa 29 tar-Regolament (UE) 2021/817.

Il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-Programm Erasmus+ għandha tkun effettiva mid-data li fiha l-Kummissjoni Ewropea tkun aċċettat il-valutazzjoni tal-konformità *ex ante* tal-aġenzija nazzjonali, skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (UE) 2021/817.

Artikolu 15

Kundizzjonijiet finanzjarji

1. L-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim m'għandux japplika għall-Programm Erasmus+.

2. B'deroga mill-Artikolu 7(7) ta' dan il-Ftehim, il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni li għandu jiġi applikat fis-sena 2027 għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni operazzjonali għall-parteċipazzjoni fil-Programm Erasmus+ għandu jkun ta' 70 % tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit fl-Artikolu 7(6) ta' dan il-Ftehim.

ANNESS

Lista tal-programmi, tal-proġetti, tal-azzjonijiet u tal-attivitajiet, jew ta' partijiet minnhom, tal-Iżvizzera

1. Il-lista mhux eżawrjenti li ġejja għandha titqies bħala l-programmi, il-proġetti, l-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-Iżvizzera, jew partijiet minnhom, ekwivalenti għall-Programm Orizzont Ewropa u l-Programm Euratom:

   — Prova tal-Kunċett ta' Pont

   — Finanzjament tal-Proġett tal-Fondazzjoni Nazzjonali Żvizzera għall-Ixjenza (SNSF, Swiss National Science Foundation)

   — Saħħa u benesseri tal-SNSF

   — Impriżi tar-Riċerka Applikata Multidixxiplinarja fl-Ispazju (MARVIS, Multidisciplinary Applied Research Ventures in Space) tal-SNSF

   — L-Iskema Internazzjonali ta' Koinvestigaturi tal-SNSF

   — Ċentri Nazzjonali ta' Kompetenza fir-Riċerka (NCCRs, National Centres of Competence in Research) tal-SNSF

   — Ambizione

   — Spark

   — Programmi ta' finanzjament tal-Uffiċċju Federali tat-Trasport (FOT, Federal Office of Transport)

   — Laboratorju tal-Utenti Xjentifiċi Sostenuti għas-Simulazzjoni u x-Xjenza bbażata fuq id-Data fiċ-Ċentru Nazzjonali Żvizzeru għas-Supercomputing (CSCS, Swiss National Supercomputing Centre) (User Lab)

   — Ċentru Żvizzeru tax-Xjenza tad-Data

   — Ċentru tal-Plażma Żvizzeru/ Ċentru tal-Fużjoni Żvizzeru

   — Sors ta' Dawl Żvizzeru (SLS, Swiss Light Source)

   — Sors ta' Newtroni ta' Spallazzjoni Żvizzeru (SINQ)

   — Sors ta' muon SμS

   — Infrastruttura ta' Riċerka Żvizzera għall-Fiżika tal-Partiċelli (CHRISP)

   — Laser Żvizzeru b'elettroni liberi li jipproduċu raġġi X (SwissFEL, Swiss X-ray Free Electron Laser)

   — Linja tar-raġġi bejn l-Iżvizzera u n-Norveġja (SNBL, Swiss-Norwegian beamline)

   — Inizjattiva SwissChips

   — Swiss Twins

2. Il-lista mhux eżawrjenti li ġejja għandha titqies bħala programmi, proġetti, azzjonijiet u attivitajiet, jew partijiet minnhom, tal-Iżvizzera ekwivalenti għall-Programm Ewropa Diġitali:

[…]

PROTOKOLL 2

PARTEĊIPAZZJONI FL-ATTIVITAJIET TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA EWROPEA GĦALL-ITER U L-IŻVILUPP TAL-ENERĠIJA MILL-FUŻJONI, IL-FTEHIM ITER U L-FTEHIM DWAR L-APPROĊĊ USA'

Artikolu 1

Ambitu tal-assoċjazzjoni

L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fi, bħala membru, u tikkontribwixxi għal, l-Impriża Konġunta għall-ITER u l-iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ F4E, Fusion for Energy) f'konformità mal-Artikolu 2 (c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom ([1]) u l-Istatuti tagħha mehmuża magħha (minn hawn 'il quddiem imsejħin l-"Istatuti tal-F4E"), li jikkontribwixxu għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika futura fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata permezz tal-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera mal-Programm Euratom.

Artikolu 2

Tul ta' żmien tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera

1. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa bħala membru tal-F4E mill-1 ta' Jannar 2026 għat-tul ta' żmien tal-istabbiliment tal-F4E, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom.

2. L-Iżvizzera jew l-entitajiet Żvizzeri għandhom ikunu eliġibbli skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim, fir-rigward tal-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni, li jimplimentaw l-impenji baġitarji tal-programmi u l-attivitajiet, jew partijiet minnhom, imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Iżvizzera jew l-entitajiet Żvizzeri ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont il-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni li jimplimentaw l-impenji baġitarji għall-2021, l-2022, l-2023, l-2024 jew l-2025 mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' eliġibbiltà applikabbli għall-entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati stabbiliti fl-att bażiku jew regoli oħra li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-F4E.

Artikolu 3

Termini u kundizzjonijiet speċifiċi tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni

1. Minkejja l-punt (a) tal-Artikolu 12(2) u l-punt (a) tal-Artikolu 82(3) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 ([2]), u f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Istatuti tal-F4E, iċ-ċittadini Żvizzeri bid-drittijiet sħaħ taċ-ċittadini jistgħu jinħatru mid-Direttur tal-F4E bħala persunal tal-F4E.

2. L-Iżvizzera għandu jkollha drittijiet tal-vot fil-Bord tat-Tmexxija tal-F4E u għandha tagħmel kontribuzzjoni annwali tas-sħubija lill-F4E skont l-Anness II tal-Istatuti tal-F4E.

3. Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, u b'mod partikolari tal-Artikolu 4, l-entitajiet Żvizzeri jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet kollha tal-F4E bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għall-entitajiet legali tal-Euratom.

4. Ir-rappreżentanti tal-Iżvizzera għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat tal-F4E f'konformità mal-Istatuti tal-F4E.

5. L-Iżvizzera għandha tapplika l-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea anness mat-TFUE għall-F4E, għad-Direttur tagħha u għall-persunal tagħha b'rabta mal-attivitajiet tagħhom skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom, bil-modalitajiet li ġejjin:

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha (ĠU UE L 90, 30.3.2007, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/198/oj).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU KE L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj).

(a) estensjoni tal-applikazzjoni għall-Iżvizzera;

kull meta l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jkun fih referenzi għall-Istati Membri, ir-referenzi għandhom jinftiehmu li japplikaw bl-istess mod għall-Iżvizzera, sakemm id-dispożizzjonijiet li ġejjin ma jiddeterminawx mod ieħor;

(b) l-eżenzjoni tal-F4E mit-tassazzjoni indiretta, inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"VAT", Value Added Tax):

(i) l-oġġetti u s-servizzi esportati mill-Isvizzera mhumiex suġġetti għall-VAT Żvizzera; fil-każ ta' oġġetti u servizzi pprovduti lill-F4E fl-Iżvizzera għall-użu uffiċjali tagħha, f'konformità mal-Artikolu 3, it-tieni subparagrafu, tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, l-eżenzjoni mill-VAT għandha tingħata bħala rifużjoni; eżenzjoni mill-VAT għandha tingħata jekk il-prezz proprju tax-xiri tal-oġġetti u tas-servizzi msemmija fil-fattura jew f'dokument ekwivalenti jkollu total ta' minn tal-inqas CHF 100 (inkluż it-taxxa);

(ii) ir-rifużjoni tal-VAT għandha tingħata mal-preżentazzjoni tal-formoli Żvizzeri pprovduti għal dak l-għan lid-Diviżjoni Prinċipali tal-VAT tal-Amministrazzjoni Federali tat-Taxxa; bħala regola, l-applikazzjonijiet għal rifużjoni għandhom jiġu pproċessati fi ħdan tliet xhur li jiġu wara d-data li fiha jkunu ġew ippreżentati flimkien mad-dokumenti ta' appoġġ meħtieġa;

(c) proċedura għall-applikazzjoni tar-regoli relatati mal-Impriża Konġunta Ewropea għall-persunal tal-ITER:

(i) fir-rigward tal-Artikolu 12, it-tieni subparagrafu, tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, l-Iżvizzera għandha teżenta, skont il-prinċipji tal-liġi nazzjonali tagħha, l-uffiċjali u impjegati oħra tal-F4E skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 549/69 tal-Kunsill ([3]) mit-taxxi federali, kantonali u komunali fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti mħallsa lilhom mill-Unjoni u soġġetti għal taxxa interna għall-benefiċċju tagħha stess;

(ii) l-Iżvizzera ma għandhiex titqies bħala Stat Membru skont it-tifsira tal-punt (a) ta' dan il-paragrafu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

(iii) uffiċjali u impjegati oħra tal-F4E u membri tal-familji tagħhom li huma membri tas-sistema tal-assigurazzjoni soċjali applikabbli għall-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni ma għandhomx ikunu obbligati li jkunu membri tas-sistema tas-sigurtà soċjali Żvizzera;

(iv) il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni esklużiva fi kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna r-relazzjonijiet bejn l-F4E jew il-Kummissjoni Ewropea u l-persunal tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt tal-Unjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

6. L-Iżvizzera għandha tagħti l-vantaġġi kollha previsti fl-Anness III tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika lil F4E fl-ambitu tal-attivitajiet uffiċjali tagħha.

Artikolu 4

Kontroll finanzjarju

1. L-uffiċjali tal-F4E u tal-Kummissjoni Ewropea u persuni oħra b'mandat mill-F4E u l-Kummissjoni Ewropea għandu jkollhom aċċess xieraq, inkluż f'forma elettronika, għal siti, xogħlijiet u dokumenti u għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jitwettqu rieżamijiet u awditi kif ukoll miżuri li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-Artikoli 11 u 12 ta' dan il-Ftehim. Dak id-dritt ta' aċċess għandu jiġi ddikjarat b'mod espliċitu fil-kuntratti jew fil-ftehimiet konklużi għall-implimentazzjoni tal-istrumenti msemmija f'dan il-Protokoll.

2. L-awtoritajiet kompetenti Żvizzeri għandhom jinfurmaw lill-F4E u lill-Kummissjoni Ewropea mingħajr dewmien dwar kwalunkwe fatt jew suspett li jkunu saru jafu bih dwar irregolarità b'rabta mal-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-kuntratti jew tal-ftehimiet konklużi fl-applikazzjoni tal-istrumenti msemmija f'dan il-Protokoll.

([3]) Ir-Regolament (EURATOM, KEFA, KEE) Nru 549/69 tal-Kunsill tal-25 Marzu 1969 li jiddetermina l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet japplikaw (ĠU KE L 74, 27.3.1969, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1969/549/oj).

3. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi kriminali Żvizzera, miżuri amministrattivi u pieni jistgħu jiġu imposti mill-F4E jew mill-Kummissjoni Ewropea skont ir-Regolament Finanzjarju u mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([4]).

4. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-F4E jew mill-Kummissjoni Ewropea fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll li jimponu obbligu pekunjarju fuq persuni għajr l-Istati għandhom ikunu infurzabbli fl-Iżvizzera.

5. L-ordni għall-infurzar ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tinħareġ f'konformità mal-Artikolu 14 f'dan il-Ftehim. Il-F4E jew il-Kummissjoni Ewropea għandhom jiġu infurmati mill-awtorità maħtura mill-Gvern Żvizzeru.

Artikolu 5

Kundizzjonijiet finanzjarji

1. L-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim ma japplikax għal dan il-Protokoll.

2. B'deroga mill-Artikolu 7(7) ta' dan il-Ftehim, il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni li għandu jiġi applikat fis-snin 2026 u 2027 għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni operazzjonali għall-parteċipazzjoni fl-F4E għandu jkun ta' 95,4 % tal-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni definit fl-Artikolu 7(6) ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 6

L-applikabbiltà tal-Ftehim ITER, il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-ITER, u l-Ftehim ta' Approċċ Usa' għat-territorju tal-Iżvizzera

1. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li:

(a) il-Ftehim ITER għandu japplika għat-territorju tal-Iżvizzera, u għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, dan il-Protokoll għandu jitqies bħala ftehim rilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 21 ta' dak il-Ftehim;

(b) il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-ITER għandu japplika għat-territorju tal-Iżvizzera, u għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, dan il-Protokoll għandu jitqies bħala ftehim rilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 24 ta' dak il-Ftehim; u

(c) il-Ftehim dwar Approċċ Usa' għandu japplika għat-territorju tal-Iżvizzera, b'mod partikolari l-privileġġi u l-immunitajiet skont l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14(5) ta' dak il-Ftehim, u għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, dan il-Protokoll għandu jitqies bħala ftehim rilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 26 ta' dak il-Ftehim.

2. Ċittadini Żvizzeri bi drittijiet sħaħ ta' ċittadin għandhom ikunu eliġibbli bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk għal ċittadini minn Stati Membri li jkunu:

(a) innominati mill-Euratom bħala rappreżentanti tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (l-Artikolu 6(1) tal-Ftehim ITER);

(b) innominati mill-Kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER bħala persunal anzjan (il-punt (d) tal-Artikolu 6(7) tal-Ftehim ITER);

(c) persunal issekondat mill-Euratom lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (l-Artikolu 7(2) tal-Ftehim ITER);

(d) impjegati direttament mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER permezz ta' ħatra mid-Direttur Ġenerali tagħha (l-Artikolu 7(2) u l-punt (b) tal-Artikolu 7(4) tal-Ftehim ITER);

(e) innominati mill-Euratom bħala rappreżentanti għall-Kumitat ta' Tmexxija dwar l-Attivitajiet tal-Approċċ Usa' u għall-Kumitati tal-Proġetti tal-Attivitajiet tal-Approċċ Usa' (l-Artikoli 3 u 5 tal-Ftehim dwar l-Approċċ Usa');

(f) innominati mill-Kumitat ta' Tmexxija bħala persunal tas-Segretarjat (l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Approċċ Usa');

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU KE L 312, 23.12.1995, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj).

(g) issekondati mill-Euratom għall-Attivitajiet tal-Approċċ Usa', jiġifieri bħala membru tat-timijiet tal-proġett jew bħala mexxejja tal-proġett (l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar l-Approċċ Usa').

3. L-Iżvizzera għandha tiġi infurmata mill-Euratom, bil-miktub, jekk il-Programm ITER, il-Ftehim ITER, il-Ftehim dwar l-Approċċ Usa' jew il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-ITER għandhom jiġu emendati.

Artikolu 7

Reċiproċità

L-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw fi programmi, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet, miżuri oħra, jew partijiet minnhom, tal-Iżvizzera ekwivalenti għal dawk tal-Organizzazzjoni ITER, tal-F4E jew tal-Approċċ Usa', f'konformità mar-regolamenti tal-Iżvizzera. Il-lista mhux eżawrjenti tal-programmi, tal-proġetti, tal-azzjonijiet, tal-attivitajiet, ta' miżuri oħra, jew ta' partijiet minnhom, ekwivalenti tal-Iżvizzera hija prevista fl-Anness ta' dan il-Protokoll.

Il-finanzjament ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni mill-Iżvizzera għandu jkun soġġett għar-regolamenti tal-Iżvizzera li jirregolaw l-operat ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni, proġetti, azzjonijiet, attivitajiet, miżuri oħra, jew partijiet minnhom. Meta ma jkunx hemm finanzjament ipprovdut, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jipparteċipaw bil-mezzi tagħhom stess.

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet finali

Dan il-Protokoll għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ikun meħtieġ għat-tlestija tal-proġetti, azzjonijiet, attivitajiet, jew partijiet minnhom, kollha ffinanzjati mill-programm tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, tal-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u tal-obbligi finanzjarji kollha li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll bejn il-Partijiet Kontraenti.

ANNESS

Lista tal-programmi, tal-proġetti, tal-azzjonijiet u tal-attivitajiet, jew ta' partijiet minnhom, ekwivalenti tal-Iżvizzera

Il-lista mhux eżawrjenti li ġejja għandha titqies bħala programmi, proġetti, azzjonijiet u attivitajiet tal-Iżvizzera, jew partijiet minnhom, ekwivalenti għall-ITER:

[…]

PROTOKOLL 3

PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROGRAMM EU4HEALTH

Artikolu 1

Ambitu tal-assoċjazzjoni

1. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa bħala pajjiż assoċjat fi, u tikkontribwixxi għal, partijiet speċifiċi tal-Programm tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm EU4Health") għall-perjodu 2021-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm EU4Health"), fil-verżjoni l-aktar aġġornata tiegħu.

2. Il-partijiet speċifiċi tal-Programm EU4Health li l-Iżvizzera għandha tipparteċipa fihom u li għalihom għandha tikkontribwixxi huma relatati mat-tħejjija għall-kriżijiet, kif kopert mill-Ftehim dwar is-Saħħa.

Artikolu 2

Tul ta' żmien tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera

1. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-Programm EU4Health mill-1 ta' Jannar tas-sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar is-Saħħa, għad-durata li jifdal tal-Programm EU4Health jew sa tmiem il-QFP 2021-2027, skont liema jkun iqsar.

2. L-Iżvizzera jew l-entitajiet Żvizzeri għandhom ikunu eliġibbli skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim, fir-rigward tal-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni, li jimplimentaw l-impenji baġitarji tal-programmi u l-attivitajiet, jew partijiet minnhom, tal-Programm EU4Health fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Iżvizzera jew l-entitajiet Żvizzeri ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni skont il-proċeduri ta' għoti tal-Unjoni li jimplimentaw impenji baġitarji għal kwalunkwe waħda mis-snin fil-QFP 2021-2027 qabel il-bidu tal-parteċipazzjoni fil-Programm EU4Health, f'konformità mal-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' eliġibbiltà applikabbli għall-entitajiet ta' pajjiżi mhux assoċjati stabbiliti fl-att bażiku jew regoli oħra li jappartjenu għall-implimentazzjoni tal-programm jew tal-attività rilevanti tal-Unjoni.

Artikolu 3

Termini u kundizzjonijiet speċifiċi tal-parteċipazzjoni fil-Programm EU4Health

1. L-Iżvizzera għandha tipparteċipa fil-Programm EU4Health f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim u fl-att legali msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, kif ukoll fi kwalunkwe regola oħra li tappartjeni għall-implimentazzjoni tal-Programm EU4Health, fil-verżjoni l-aktar aġġornata tiegħu.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-entitajiet legali stabbiliti fl-Iżvizzera jistgħu jipparteċipaw f'azzjonijiet tal-Programm EU4Health b'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni, inkluż ir-rispett tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

3. L-Ingliż għandu jkun il-lingwa tal-proċeduri relatati ma' talbiet, kuntratti u rapporti, kif ukoll għal aspetti amministrattivi oħra tal-Programm EU4Health.

Artikolu 4

Kundizzjonijiet finanzjarji

L-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim ma japplikax għal dan il-Protokoll.

([1]) ĠU UE L 107, 26.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/522/oj.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet finali

Dan il-Protokoll għandu jibqa' fis-seħħ sakemm ikun meħtieġ għat-tlestija tal-proġetti, azzjonijiet, attivitajiet, jew partijiet minnhom, kollha ffinanzjati mill-Programm tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, tal-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-obbligi finanzjarji kollha li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll bejn il-Partijiet Kontraenti.